ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 340

Volum 55

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

13 ta' Diċembru 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2012/773/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, minn naħa oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali** ..... 1

2012/774/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, minn naħa oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali** ..... 7

2012/775/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika ta' San Marino, minn naħa oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali** ..... 13

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2012/776/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali** ............ 19

2012/777/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni** ............ 26

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1189/2012 tal-10 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-aringi fl-ilmijiet tal-UE, l-ilmijiet Norveġiżi u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja** ............ 27

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1190/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium f'qatgħat tad-dundjani, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (1) ............ 29

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali, fejn tidħol is-sustanza saliċilat tas-sodju** (1) ............ 35

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1192/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jtemm ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass, li ma jimtlewx ikkunsinnati mill-Vjetnam, kemm jekk huma ddikjarati li joriġinaw mill-Vjetnam jew le, imposti bir-Regolament (UE) Nru 548/2012** ............ 37

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1193/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ............ 38

---

**Rettifika**

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 103/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE** (ĠU L 270, 4.10.2012) ............ 40

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-6 ta' Diċembru 2012**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, minn naħa oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali**

(2012/773/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(2)(b), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 48 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, minn naħa oħra [1] (il-"Ftehim"), jistipula li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi, b'deċiżjoni, d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti f'dak l-Artikolu.

(2) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, fir-rigward taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(3) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(4) Huwa opportun li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandha għaldaqstant tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, minn naħa oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Bidliet minuri għal dak l-abbozz tad-deċiżjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni mingħajr il-ħtieġa li tiġi adottata deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. CHARALAMBOUS

[1] ĠU L 107, 28.4.2009, p. 166.

*ABBOZZ*

## DEĊIŻJONI Nru …/… TAL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ALBANIJA

## ta' …

## fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali

IL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, minn naħa oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 48 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, minn naħa oħra (il-"Ftehim"), jipprevedi l-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Albanija u tal-Istati Membri u jistabbilixxi l-prinċipji għal din il-koordinazzjoni.

(2) L-Artikolu 48 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta Deċiżjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti f'dak l-Artikolu.

(3) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, din id-Deċiżjoni ma għandha tagħti l-ebda drittijiet addizzjonali li jirriżultaw minn ċerti fatti jew avvenimenti li jseħħu fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, fejn dawn il-fatti jew avvenimenti ma jitqisux taħt il-leġislazzjoni tal-ewwel Parti Kontraenti, għajr id-dritt ta' esportazzjoni ta' ċerti benefiċċji.

(4) Fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, id-dritt tal-ħaddiema Albaniżi għall-benefiċċji tal-familja għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-membri tal-familja tagħhom jirrisjedu legalment magħhom fl-Istat Membru fejn huma impjegati. Fejn il-membri tal-familja tagħhom jirrisjedu legalment fi Stat Membru ieħor, japplika r-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom ([2]). Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tagħti xi intitolament għall-benefiċċji familjari fir-rigward tal-membri tal-familji tagħhom residenti f'pajjiż li mhux Stat Membru, pereżempju l-Albanija.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 jestendi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali ([3]) u tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali ([4]) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom. Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 diġà jkopri l-prinċipju ta' aggregazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni miksuba minn ħaddiema Albaniżi fid-diversi Stati Membri rigward l-intitolament għal ċerti benefiċċji, kif stipulat fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 48(1) tal-Ftehim.

(6) Jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali li jikkorrispondu mal-karatteristiċi speċifiċi tal-leġislazzjoni tal-Albanija, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-regoli tal-koordinazzjoni.

(7) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tal-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri u tal-Albanija, huwa neċessarju li jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Albanija, kif ukoll bejn il-persuna kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Istat kompetenti.

(8) Id-dispożizzjonijiet transitorji għandhom jiġu adottati sabiex iħarsu lill-persuni koperti b'din id-Deċiżjoni u sabiex ikun żgurat li ma jitilfu l-ebda dritt b'riżultat tad-dħul fis-seħħ tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PARTI I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "Ftehim" tfisser il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, minn naħa oħra;

([1]) ĠU L 107, 28.4.2009, p. 166.
([2]) ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

(b) "Regolament" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, kif applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(c) "Regolament ta' implimentazzjoni" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 987/2009;

(d) "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(e) "ħaddiem" tfisser,

(i) għall-finijiet tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata skont it-tifsira tal-Artikolu 1(a) tar-Regolament;

(ii) għall-finijiet tal-leġislazzjoni tal-Albanija, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata skont it-tifsira ta' dik il-leġislazzjoni;

(f) "membru tal-familja" tfisser,

(i) għall-finijiet tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru, membru tal-familja skont it-tifsira tal-Artikolu 1(i) tar-Regolament;

(ii) għall-finijiet tal-leġislazzjoni tal-Albanija, membru tal-familja skont it-tifsira ta' dik il-leġislazzjoni;

(g) "leġislazzjoni" tfisser:

(i) fir-rigward tal-Istati Membri, leġislazzjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament, kif applikabbli għall-benefiċċji koperti b'din id-Deċiżjoni;

(ii) fir-rigward tal-Albanija, il-leġislazzjoni, kif applikabbli fl-Albanija, fir-rigward tal-benefiċċji koperti b'din id-Deċiżjoni;

(h) "benefiċċji" tfisser:

— pensjonijiet tal-irtirar,

— pensjonijiet għas-superstiti,

— pensjonijiet fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ta' mard okkupazzjonali,

— pensjonijiet tal-invalidità marbuta ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ma' mard okkupazzjonali,

— allowances tal-familja.

(i) "benefiċċji esportabbli" tfisser,

(i) fir-rigward tal-Istati Membri:

— pensjonijiet tal-irtirar,

— pensjonijiet għas-superstiti,

— pensjonijiet fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ta' mard okkupazzjonali,

— pensjonijiet tal-invalidità marbuta ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ma' mard okkupazzjonali,

skont it-tifsira tar-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stipulat fl-Anness X tar-Regolament;

(ii) fir-rigward tal-Albanija, il-benefiċċji korrispondenti kif previst skont il-leġislazzjoni tal-Albanija, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stipulat fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni;

2. Termini oħra użati f'din id-Deċiżjoni għandu jkollhom it-tifsira assenjata lilhom:

(a) fir-rigward tal-Istati Membri, fir-Regolament u fir-Regolament ta' implimentazzjoni;

(b) fir-rigward tal-Albanija, fil-leġislazzjoni rilevanti, kif applikabbli fl-Albanija.

*Artikolu 2*

**Persuni koperti**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal:

(a) ħaddiema li huma ċittadini Albaniżi u li huma, jew li kienu, legalment impjegati fit-territorju ta' Stat Membru u li huma, jew li kienu, soġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u s-superstiti tagħhom;

(b) membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (a) bil-kundizzjoni li dawk il-membri tal-familja jkunu, jew kienu, residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat waqt li l-ħaddiem ikun impjegat fi Stat Membru;

(c) ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma, jew li kienu, legalment impjegati fit-territorju tal-Albanija u li huma, jew li kienu, soġġetti għal-leġislazzjoni tal-Albanija, u s-superstiti tagħhom; u

(d) membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (c) sakemm dawk il-membri tal-familja huma, jew kienu, residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat filwaqt li l-ħaddiem huwa impjegat fl-Albanija.

*Artikolu 3*

**Trattament ugwali**

1. Ħaddiema li huma ċittadini Albaniżi u li huma impjegati legalment fi Stat Membru u kwalunkwe membru tal-familja tagħhom li hu residenti legalment magħhom għandhom igawdu, fir-rigward ta' benefiċċji skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità tagħhom meta mqabbla maċ-ċittadini tal-Istati Membri fejn dawk il-ħaddiema huma impjegati.

2. Il-ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma impjegati legalment fl-Albanija u kwalunkwe membru tal-familja tagħhom li hu residenti legalment magħhom għandhom igawdu, fir-rigward ta' benefiċċji skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), minn trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità tagħhom, meta mqabbla maċ-ċittadini Albaniżi.

PARTI II

## RELAZZJONIJIET BEJN L-ISTATI MEMBRI U L-ALBANIJA

*Artikolu 4*

### Revoka tal-klawsoli ta' residenza

1. Il-benefiċċji esportabbli, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i) li għandhom dritt għalihom il-persuni msemmija fl-Artikolu 2(a) u (c), ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda tnaqqis, modifika, sospensjoni, irtirar jew konfiska minħabba li l-benefiċjarju jirrisjedi:

(i) għall-fini ta' benefiċċji skont il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, fit-territorju tal-Albanija, jew

(ii) għall-fini ta' benefiċċji skont il-leġislazzjoni tal-Albanija, fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem kif imsemmi fl-Artikolu 2(b) għandhom ikunu intitolati għal benefiċċji esportabbli, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(i), bl-istess mod bħall-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat meta dawk il-membri tal-familja jirrisjedu fit-territorju tal-Albanija.

3. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem kif imsemmi fl-Artikolu 2(d) għandhom ikunu intitolati għal benefiċċji esportabbli, fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(ii), bl-istess mod kif il-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin tal-Albanija meta dawk il-membri tal-familja jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru.

PARTI III

## DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI

*Artikolu 5*

### Kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Albanija għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni kollha dwar il-bidliet fil-leġislazzjoni tagħhom li jistgħu jolqtu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u tal-Albanija għandhom joffru lil xulxin l-aħjar għajnuna li jistgħu u għandhom jaġixxu daqs li kieku qegħdin jimplimentaw il-leġislazzjoni tagħhom stess. Bħala regola, l-għajnuna amministrattiva mogħtija minn dawk l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet għandha tkun bla ħlas. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tal-Albanija jistgħu jaqblu li ċerti spejjeż jitħallsu lura.

3. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u tal-Albanija jistgħu, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, jikkomunikaw direttament ma' xulxin u mal-persuni involuti jew mar-rappreżentanti tagħhom.

4. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom id-dmir ta' informazzjoni u kooperazzjoni reċiproċi sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni.

5. Il-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet tal-Istat Membru kompetenti jew tal-Albanija, fejn dan tal-aħħar huwa l-Istat kompetenti, u tal-Istat Membru ta' residenza jew tal-Albanija, fejn dan tal-aħħar huwa l-Istat ta' residenza, mill-aktar fis possibbli dwar kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni personali jew familjari tagħhom li taffettwa d-dritt tagħhom għall-benefiċċji skont din id-Deċiżjoni.

6. In-nuqqas ta' rispett lejn l-obbligu ta' informazzjonistabbilit fil-paragrafu 5 jista' jirriżulta fl-applikazzjoni miżuri proporzjonati b'konformità mal-liġi nazzjonali. Madankollu, dawk il-miżuri għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli għal qagħdiet simili skont il-liġi nazzjonali u ma għandhomx jagħmluha impossibbli jew diffiċli żżejjed fil-prattika għal dawk li japplikaw li jeżerċitaw id-drittijiet konferiti lilhom b'din id-Deċiżjoni.

7. L-Istati Membri u l-Albanija jistgħu jipprevedu dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-verifika tad-dritt għall-benefiċċji sabiex jitqies il-fatt li l-benefiċjarji jabitaw jew jirrisjedu barra t-territorju tal-Istat fejn tinsab l-istituzzjoni debitriċi. Tali dispożizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati, ħielsa minn kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u skont il-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Tali dispożizzjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 6*

### Kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-persuni kif imsemmija fl-Artikolu 2 u li jirċievu benefiċċji esportabbli fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i), kif ukoll għall-istituzzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Fejn benefiċjarju jew applikant għall-benefiċċji, jew membru tal-familja ta' dik il-persuna, ikun jabita jew jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tkun qiegħda fl-Albanija, jew jabita jew jirrisjedi fit-territorju tal-Albanija meta l-istituzzjoni debitriċi tkun qiegħda fi Stat Membru, l-eżami mediku għandu jsir, fuq it-talba tal-istituzzjoni debitriċi, mill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza tal-benefiċjarju, skont il-proċeduri stabbiliti mil-leġislazzjoni applikata minn dik l-istituzzjoni.

L-istituzzjoni debitriċi għandha tinforma lill-istituzzjoni ta' abitazzjoni jew ta' residenza dwar kwalunkwe ħtieġa speċjali li għandha tiġi segwita u, jekk meħtieġ, bil-punti li jridu jiġu koperti mill-eżami mediku.

L-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza għandha tgħaddi rapport lill-istituzzjoni debitriċi li tkun talbet l-eżami mediku.

L-istituzzjoni debitriċi żżomm id-dritt li teżamina lill-benefiċjarju minn tabib tal-għażla tagħha, jew fit-territorju fejn il-benefiċjarju jew l-applikant ta' benefiċċji jabita jew jirrisjedi jew fil-pajjiż fejn tinsab l-istituzzjoni debitriċi. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss fejn huwa jew hija j/tista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta' dannu għal saħħtu/saħħitha u fejn l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

3. Fejn benefiċjarju jew applikant għall-benefiċċji, jew membru tal-familja ta' dik il-persuna, ikun jabita jew jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tkun tinsab fl-Albanija, jew jabita jew jirrisjedi fl-Albanija meta l-istituzzjoni debitriċi tkun tinsab fi Stat Membru, il-kontroll amministrattiv għandu jsir, fuq it-talba tal-istituzzjoni debitriċi, mill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza tal-benefiċjarju.

L-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza għandha tressaq rapport lill-istituzzjoni debitriċi li talbet il-kontroll amministrattiv.

L-istituzzjoni debitriċi żżomm id-dritt li tinkariga professjonist biex jeżamina s-sitwazzjoni tal-benefiċjarju. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss fejn huwa jew hija j/tista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta' dannu għal saħħtu/saħħitha u fejn l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

4. Stat Membru wieħed jew aktar u l-Albanija jistgħu jaqblu fuq id-dispożizzjonijiet amministrattivi, wara li jkunu infurmaw b'dan lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

5. Bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' għajnuna amministrattiva reċiproka mingħajr ħlas stabbilit fl-Artikolu 5(2) ta' din id-Deċiżjoni, l-ammont effettiv tal-ispejjeż tal-kontrolli msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandu jitħallas lura lill-istituzzjoni li ntalbet twettaqhom mill-istituzzjoni debitriċi li talbithom.

*Artikolu 7*

**Applikazzjoni tal-Artikolu 126 tal-Ftehim**

L-Artikolu 126 tal-Ftehim għandu japplika fil-każ li kwalunkwe waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra ma kkonformatx mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

*Artikolu 8*

**Dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Albanija**

Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jista', jekk neċessarju, jistipula dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Albanija fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 9*

**Proċeduri amministrattivi li jinsabi fil- ftehimiet bilaterali eżistenti**

Il-proċeduri amministrattivi li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bejn Stat Membru u l-Albanija jistgħu jkomplu japplikaw b'kundizzjoni li dawk il-proċeduri ma jaffettwawx b'mod negattiv id-drittijiet jew l-obbligi tal-persuni kkonċernati, kif stabbilit f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*

**Ftehimiet li jissupplimentaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni**

Stat Membru wieħed jew aktar u l-Albanija jistgħu jikkonkludu ftehimiet maħsuba biex jissupplimentaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, partikolarment fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji.

PARTI IV

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

*Artikolu 11*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. L-ebda dritt ma jista' jinkiseb skont din id-Deċiżjoni għall-perijodu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

2. Soġġett għall-paragrafu 1, għandu jinkiseb dritt skont din id-Deċiżjoni anki jekk dan jirreferi għal kontinġenza li tqum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

3. Kull benefiċċju li ma ngħatax jew li ġie sospiż minħabba raġuni ta' nazzjonalità jew post ta' residenza tal-persuna kkonċernata għandu, fuq talba ta' dik il-persuna, jingħata jew jitkompla b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, sakemm id-drittijiet li wasslu għall-benefiċċji li ngħataw qabel ma rriżultawx fi ħlas ta' somma waħda f'daqqa.

4. Jekk talba, kif imsemmi fil-paragrafu 3, titressaq fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, id-drittijiet miksuba b'konformità ma' din id-Deċiżjoni għandu jkollhom effett minn dik id-data, u l-leġislazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tal-Albanija dwar ir-rinunzja jew il-limitazzjoni tad-drittijiet ma tistax tkun invokata kontra l-persuni kkonċernati.

5. Jekk talba, kif imsemmi fil-paragrafu 3, titressaq wara li jiskadi l-perijodu ta' sentejn, imsemmi fil-paragrafu 4, id-drittijiet li ma jkunux intilfu jew li ma jkunux miżmuma biż-żmien għandu jkollhom effett mid-data li fiha tkun saret it-talba, suġġett għal kwalunkwe dispożizzjoni aktar favorevoli skont il-leġislazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tal-Albanija.

*Artikolu 12*

**Annessi għal din id-Deċiżjoni**

1. L-Annessi għal din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu parti integrali minnha.

2. Fuq talba tal-Albanija jew tal-Unjoni Ewropea, l-Annessi jistgħu jkunu emendati b'deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni*

*Il-President*

*ANNESS I*

**LISTA TA' BENEFIĊĊJI SPEĊJALI FI FLUS KONTANTI MHUX KONTRIBUTORJI TAL-ALBANIJA**

*ANNESS II*

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-LEĠISLAZZJONI TAL-ALBANIJA**

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Diċembru 2012

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, minn naħa oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali

(2012/774/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 79(2)(b) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 51 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, minn naħa oħra [1] (il-"Ftehim"), jipprevedi li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandu, b'deċiżjoni, jadotta d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti f'dak l-Artikolu.

(2) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, fir-rigward taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(3) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(4) Huwa opportun li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandha għaldaqstant tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, minn naħa oħra (il-"Ftehim"), fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, għandha tiġi bbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Bidliet minuri għal dak l-abbozz tad-deċiżjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni mingħajr il-ħtieġa li tiġi adottata deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. CHARALAMBOUS

[1] ĠU L 108, 29.4.2010, p. 3.

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI Nru …/… TAL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MONTENEGRO**

**ta' …**

**fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali**

IL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, minn naħa oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 51 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, minn naħa oħra (il-"Ftehim"), jipprevedi l-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Montenegro u tal-Istati Membri u jistabbilixxi l-prinċipji għal din il-koordinazzjoni.

(2) L-Artikolu 51 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta Deċiżjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-prinċipji stabbiliti f'dak l-Artikolu.

(3) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, din id-Deċiżjoni ma għandha tagħti l-ebda drittijiet addizzjonali li jirriżultaw minn ċerti fatti jew avvenimenti li jseħħu fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, fejn dawn il-fatti jew avvenimenti ma jitqisux taħt il-leġiżlazzjoni tal-ewwel Parti Kontraenti, għajr id-dritt ta' esportazzjoni ta' ċerti benefiċċji.

(4) Fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, id-dritt tal-ħaddiema Montenegrini għall-benefiċċji tal-familja għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-membri tal-familja tagħhom jirresjedu legalment ma' dawn il-ħaddiema fl-Istat Membru fejn il-ħaddiema huma impjegati. Fejn il-membri tal-familja tagħhom jirresjedu legalment fi Stat Membru ieħor, japplika r-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom ([2]). Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tagħti xi intitolament għall-benefiċċji familjari fir-rigward tal-membri tal-familji ta' ħaddiem residenti f'pajjiż li mhux Stat Membru, pereżempju l-Montenegro.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 diġà jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali ([3]) u tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali ([4]) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom. Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 diġà jkopri l-prinċipju ta' aggregazzjoni tal-perjodi ta' assigurazzjoni miksuba mill-ħaddiema Montenegrini f'bosta Stati Membri fir-rigward tad-dritt għal ċerti benefiċċji, kif stabbilit fl-Artikolu 51(1)(a) tal-Ftehim.

(6) Jista' jkun hemm bżonn li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali li jikkorrispondu għall-karatteristiċi speċifiċi tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-regoli tal-koordinazzjoni.

(7) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri u tal-Montenegro, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Montenegro, kif ukoll bejn il-persuna kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Istat kompetenti.

(8) Id-dispożizzjonijiet transitorji għandhom jiġu adottati sabiex iħarsu l-persuni koperti b'din id-Deċiżjoni u sabiex ikun żgurat li ma jitilfu l-ebda dritt b'riżultat tad-dħul fis-seħħ tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PARTI I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "Ftehim" tfisser il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, minn naħa oħra;

([1]) ĠU L 108, 29.4.2010, p. 3.
([2]) ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1
([4]) ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

(b) "Regolament" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, kif applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(c) "Regolament ta' implimentazzjoni" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 987/2009;

(d) "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(e) "ħaddiem" tfisser:

(i) għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata skont it-tifsira tal-Artikolu 1(a) tar-Regolament;

(ii) għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata skont it-tifsira ta' dik il-leġiżlazzjoni;

(f) "membru tal-familja" tfisser:

(i) għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, membru tal-familja skont it-tifsira tal-Artikolu 1(i) tar-Regolament;

(ii) għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro, membru tal-familja skont it-tifsira ta' dik il-leġiżlazzjoni;

(g) "leġiżlazzjoni" tfisser:

(i) fir-rigward tal-Istati Membri, leġiżlazzjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament kif applikabbli għall-benefiċċji koperti b'din id-Deċiżjoni;

(ii) b'rabta mal-Montenegro, il-leġiżlazzjoni, kif applikabbli fl-Montenegro, relata mal-benefiċċji koperti b'din id-Deċiżjoni;

(h) "benefiċċji" tfisser:

— pensjonijiet tal-irtirar,

— pensjonijiet għas-superstiti,

— pensjonijiet fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ta' mard okkupazzjonali,

— pensjonijiet tal-invalidità marbuta ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ma' mard okkupazzjonali,

— allowances tal-familja;

(i) "benefiċċji esportabbli" tfisser:

(i) fir-rigward tal-Istati Membri:

— pensjonijiet tal-irtirar,

— pensjonijiet għas-superstiti,

— pensjonijiet fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ta' mard okkupazzjonali,

— pensjonijiet tal-invalidità marbuta ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ma' mard okkupazzjonali,

skont it-tifsira tar-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stipulat fl-Anness X tar-Regolament;

(ii) b'rabta mal-Montenegro, il-benefiċċji korrispondenti kif previst skont il-leġiżlazzjoni tal-Montenegro, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. Termini oħra użati f'din id-Deċiżjoni għandu jkollhom it-tifsira assenjata lilhom:

(a) fir-rigward tal-Istati Membri, fir-Regolament u fir-Regolament ta' implimentazzjoni;

(b) b'rabta mal-Montenegro, fil-leġiżlazzjoni rilevanti kif applikabbli fil-Montenegro.

*Artikolu 2*

**Persuni koperti**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal:

(a) ħaddiema li huma ċittadini Montenegrini u li huma, jew li kienu, legalment impjegati fit-territorju ta' Stat Membru u li huma, jew li kienu, suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u s-superstiti tagħhom;

(b) membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (a) bil-kundizzjoni li dawk il-membri tal-familja huma, jew kienu, residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat waqt li l-ħaddiem ikun impjegat fi Stat Membru;

(c) ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma, jew li kienu, legalment impjegati fit-territorju tal-Montenegro u li huma, jew li kienu, suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro, u s-superstiti tagħhom; u

(d) membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (c) bil-kundizzjoni li dawk il-membri tal-familja huma, jew kienu, residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat waqt li l-ħaddiem ikun impjegat fil-Montenegro.

*Artikolu 3*

**Trattament ugwali**

1. Il-ħaddiema li huma ċittadini Montenegrini u li huma impjegati legalment fi Stat Membru u kwalunkwe membru tal-familja tagħhom li jirrisjedi legalment magħhom għandhom igawdu, fir-rigward ta' benefiċċji skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), minn trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, meta mqabbla maċ-ċittadini tal-Istati Membri fejn dawn il-ħaddiema huma impjegati.

2. Il-ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma impjegati legalment fil-Montenegro u kwalunkwe membru tal-familja tagħhom li jirrisjedi legalment magħhom għandhom igawdu, fir-rigward ta' benefiċċji skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), minn trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, meta mqabbla maċ-ċittadini Montenegrini.

PARTI II

## RELAZZJONIJIET BEJN L-ISTATI MEMBRI U L-MONTENEGRO

*Artikolu 4*

### Revoka tal-klawsoli ta' residenza

1. Il-benefiċċji esportabbli, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i), li għandhom dritt għalihom il-persuni msemmija fl-Artikolu 2(a) u (c), ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda tnaqqis, modifika, sospensjoni, irtirar jew konfiska minħabba li l-benefiċjarju jirrisjedi:

(i) għall-fini ta' benefiċċji skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, fit-territorju tal-Montenegro, jew

(ii) għall-fini ta' benefiċċji skont il-leġiżlazzjoni tal-Montenegro, fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem imsemmija fl-Artikolu 2(b) għandhom ikunu intitolati għal benefiċċji esportabbli, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(i), bl-istess mod bħall-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat meta dawk il-membri tal-familja jirresjedu fit-territorju tal-Montenegro.

3. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem imsemmija fl-Artikolu 2(d) għandhom ikunu intitolati għal benefiċċji esportabbli, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(ii), bl-istess mod bħall-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin tal-Montenegro meta dawn il-membri tal-familja jirresjedu fit-territorju ta' Stat Membru.

PARTI III

## DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI

*Artikolu 5*

### Kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Montenegro għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni kollha dwar il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tagħhom li jistgħu jolqtu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u tal-Montenegro għandhom joffru lil xulxin l-aħjar għajnuna li jistgħu u għandhom jaġixxu daqs li kieku qegħdin jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tagħhom stess. Bħala regola, l-għajnuna amministrattiva mogħtija minn dawk l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet għandha tkun bla ħlas. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tal-Montenegro jistgħu jaqblu li ċerti spejjeż jitħallsu lura.

3. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u tal-Montenegro jistgħu, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, jikkomunikaw direttament ma' xulxin u mal-persuni involuti jew mar-rappreżentanti tagħhom.

4. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom id-dmir ta' informazzjoni u kooperazzjoni reċiproċi sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni.

5. Il-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet tal-Istat Membru kompetenti jew tal-Montenegro, fejn dan tal-aħħar huwa l-Istat kompetenti, u tal-Istat Membru ta' residenza jew tal-Montenegro, fejn dan tal-aħħar huwa l-Istat ta' residenza, mill-aktar fis possibbli dwar kull tibdil fis-sitwazzjoni personali jew familjari tagħhom li taffettwa d-dritt tagħhom għall-benefiċċji skont din id-Deċiżjoni.

6. In-nuqqas ta' rispett lejn l-obbligu ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 5 jista' jirriżulta fl-applikazzjoni ta' miżuri proporzjonati b'konformità mal-liġi nazzjonali. Madankollu, dawk il-miżuri għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli għal sitwazzjonijiet simili skont il-liġi nazzjonali u ma għandhomx jagħmluha impossibbli jew diffiċli żżejjed fil-prattika għal dawk li japplikaw li jeżerċitaw id-drittijiet konferiti lilhom b'din id-Deċiżjoni.

7. L-Istati Membri u l-Montenegro jistgħu jipprevedu dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-verifika tad-dritt għall-benefiċċji sabiex jitqies il-fatt li l-benefiċjarji jabitaw jew jirresjedu barra t-territorju tal-Istat fejn tinsab l-istituzzjoni debitriċi. Tali dispożizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati, ħielsa minn kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u għandhom ikunu skont il-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Tali dispożizzjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 6*

### Kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-persuni msemmija fl-Artikolu 2, li jirċievu benefiċċji esportabbli, fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i), kif ukoll għall-istituzzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Fejn benefiċjarju jew applikant għall-benefiċċji, jew membru tal-familja ta' dik il-persuna, jabita jew jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tkun qiegħda fil-Montenegro, jew jabita jew jirrisjedi fil-Montenegro meta l-istituzzjoni debitriċi tkun qiegħda fi Stat Membru, l-eżami mediku għandu jsir, fuq it-talba tal-istituzzjoni debitriċi, mill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza tal-benefiċjarju, skont il-proċeduri stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikata minn dik l-istituzzjoni.

L-istituzzjoni debitriċi għandha tinforma lill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza dwar kwalunkwe ħtieġa speċjali li għandha tiġi segwita u, jekk meħtieġ, bil-punti li jridu jiġu koperti mill-eżami mediku.

L-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza għandha tgħaddi rapport lill-istituzzjoni debitriċi li tkun talbet l-eżami mediku.

L-istituzzjoni debitriċi żżomm id-dritt li teżamina lill-benefiċjarju minn tabib tal-għażla tagħha, jew fit-territorju fejn il-beneficjarju jew l-applikant ta' benefiċċji jabita jew jirrisjedi jew fil-pajjiż fejn tinsab l-istituzzjoni debitriċi. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss fejn huwa jew hija j/tista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta' dannu għal saħħtu/saħħitha u fejn l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

3. Fejn benefiċjarju jew applikant għall-benefiċċji, jew membru tal-familja ta' dik il-persuna, jabita jew jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tkun tinsab fil-Montenegro, jew jabita jew jirrisjedi fil-Montenegro meta l-istituzzjoni debitriċi tkun tinsab fi Stat Membru, il-kontroll amministrattiv għandu jsir, fuq it-talba tal-istituzzjoni debitriċi, mill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza tal-benefiċjarju.

L-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza għandha tressaq rapport lill-istituzzjoni debitriċi li talbet il-kontroll amministrattiv.

L-istituzzjoni debitriċi żżomm id-dritt li tinkariga professjonist biex jeżamina s-sitwazzjoni tal-benefiċjarju. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss fejn huwa jew hija j/tista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta' dannu għal saħħtu/saħħitha u fejn l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

4. Stat Membru wieħed jew aktar u l-Montenegro jistgħu jaqblu fuq id-dispożizzjonijiet amministrattivi, wara li jkunu infurmaw b'dan lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

5. Bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' għajnuna amministrattiva reċiproka mingħajr ħlas stabbilit fl-Artikolu 5(2) ta' din id-Deċiżjoni, l-ammont effettiv tal-ispejjeż tal-kontrolli msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandu jitħallas lura lill-istituzzjoni li ntalbet twettaqhom mill-istituzzjoni debitriċi li talbithom.

*Artikolu 7*

**Applikazzjoni tal-Artikolu 129 tal-Ftehim**

L-Artikolu 129 tal-Ftehim għandu japplika fil-każ li kwalunkwe waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra ma kkonformatx mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

*Artikolu 8*

**Dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro**

Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jista', jekk meħtieġ, jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 9*

**Proċeduri amministrattivi li jinsabu fil- ftehimiet bilaterali eżistenti**

Il-proċeduri amministrattivi li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bejn Stat Membru u l-Montenegro jistgħu jkomplu japplikaw b'kundizzjoni li dawk il-proċeduri ma jaffettwawx b'mod negattiv id-drittijiet jew l-obbligi tal-persuni kkonċernati, kif stabbilit f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*

**Ftehimiet li jissupplimentaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni**

Stat Membru wieħed jew aktar u l-Montenegro jistgħu jikkonkludu ftehimiet maħsuba biex jissupplimentaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, speċjalment fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji.

PARTI IV

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

*Artikolu 11*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. L-ebda dritt ma jista' jinkiseb skont din id-Deċiżjoni għall-perijodu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

2. Soġġett għall-paragrafu 1, għandu jinkiseb dritt skont din id-Deċiżjoni anki jekk dan jirreferi għall-kontinġenza li tqum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

3. Kull benefiċċju li ma ngħatax jew li ġie sospiż minħabba raġuni ta' nazzjonalità jew post ta' residenza tal-persuna kkonċernata għandu, fuq talba ta' dik il-persuna, jingħata jew jitkompla b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, sakemm id-drittijiet li wasslu għall-benefiċċji li ngħataw qabel ma rriżultawx fi ħlas ta' somma waħda f'daqqa.

4. Jekk talba, kif imsemmi fil-paragrafu 3, titressaq fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, id-drittijiet miksuba b'konformità ma' din id-Deċiżjoni għandu jkollhom effett minn dik id-data, u l-leġiżlazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tal-Montenegro dwar ir-rinunzja jew il-limitazzjoni tad-drittijiet ma tistax tkun invokata kontra l-persuni kkonċernati.

5. Jekk talba, kif imsemmi fil-paragrafu 3, titressaq wara li jiskadi l-perijodu ta' sentejn, imsemmi fil-paragrafu 4, id-drittijiet li ma jkunux intilfu jew li ma jkunux miżmuma biż-żmien għandu jkollhom effett mid-data li fiha tkun saret it-talba, suġġett għal kwalunkwe dispożizzjoni aktar favorevoli skont il-leġiżlazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tal-Montenegro.

*Artikolu 12*

**Annessi għal din id-Deċiżjoni**

1. L-Annessi għal din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu parti integrali minnha.

2. Fuq talba tal-Montenegro jew tal-Unjoni Ewropea, l-Annessi jistgħu jkunu emendati b'deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni*
*Il-President*

*ANNESS I*

**LISTA TA' BENEFIĊĊJI SPEĊJALI FI FLUS KONTANTI MHUX KONTRIBUTORJI, TAL-MONTENEGRO**

*ANNESS II*

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-MONTENEGRO**

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Diċembru 2012

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika ta' San Marino, minn naħa oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali

(2012/775/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(2)(b), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika ta' San Marino, minn naħa oħra [1] (il-"Ftehim"), jipprevedi li l-Kumitat ta' Kooperazzjoni għandu jadotta dispożizzjonijiet biex jiġu implimentati l-prinċipji dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali kif stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Ftehim.

(2) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda, fir-rigward taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(3) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(4) Huwa opportun li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni għandha għaldaqstant tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa u r-Repubblika ta' San Marino, minn naħa oħra fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Tibdil minuri għal dak labbozz tad-deċiżjoni jista' jiġi miftiehem mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni mingħajr il-ħtieġa li tiġi adottata deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. CHARALAMBOUS

[1] ĠU L 84, 28.3.2002, p. 43.

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI Nru …/… TAL-KUMITAT TA' KOOPERAZZJONI UE-SAN MARINO**

**ta' …**

**fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali**

IL-KUMITAT TA' KOOPERAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa u r-Repubblika ta' San Marino, minn naħa oħra [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 21 tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika ta' San Marino, minn naħa oħra (il-"Ftehim") jistabbilixxi l-prinċipji għall-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali ta' San Marino u l-Istati Membri.

(2) L-Artikolu 22 tal-Ftehim jipprovdi li l-Kumitat ta' Kooperazzjoni għandu jadotta dispożizzjonijiet biex jiġu implimentati dawk il-prinċipji.

(3) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, din id-Deċiżjoni ma għandha tagħti l-ebda drittijiet addizzjonali li jirriżultaw minn ċerti fatti jew avvenimenti li jseħħu fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, fejn dawn il-fatti jew avvenimenti ma jitqisux taħt il-leġiżlazzjoni tal-ewwel Parti Kontraenti, għajr id-dritt ta' esportazzjoni ta' ċerti benefiċċji.

(4) Fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, id-dritt tal-ħaddiema ta' San Marino għall-benefiċċji tal-familja għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-membri tal-familja tagħhom jirrisjedu legalment magħhom fl-Istat Membru fejn il-ħaddiema huma impjegati. Fejn il-membri tal-familja tagħhom jirrisjedu legalment fi Stat Membru ieħor, japplika r-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom [2]. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tagħti xi intitolament għall-benefiċċji familjari fir-rigward tal-membri tal-familji ta' ħaddiem residenti f'pajjiż li mhux Stat Membru, pereżempju San Marino.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 jestendi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [3] u tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali [4] għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom. Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 diġà jkopri l-prinċipju ta' aggregazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni miksuba minn ħaddiema li huma ċittadini ta' San Marino fid-diversi Stati Membri rigward l-intitolament għal ċerti benefiċċji, kif stipulat fl-Artikolu 21(2) tal-Ftehim.

(6) Jista' jkun neċessarju li jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċjali li jikkorrispondu mal-karatteristiċi speċifiċi tal-leġiżlazzjoni ta' San Matino sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-regoli tal-koordinazzjoni.

(7) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri u ta' San Marino, huwa neċessarju li jiġu previsti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u San Marino kif ukoll bejn il-persuna kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Istat kompetenti.

(8) Id-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom jiġu adottati sabiex iħarsu l-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni u sabiex jiġi żgurat li ma jitilfu l-ebda dritt b'riżultat tad-dħul fis-seħħ tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PARTI I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "Ftehim" tfisser il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika ta' San Marino, minn naħa oħra;

(b) "Regolament" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, kif applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(c) "Regolament ta' implimentazzjoni" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 987/2009;

(d) "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

[1] ĠU L 84, 28.3.2002, p. 43.
[2] ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1.
[3] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
[4] ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

(e) "ħaddiem" tfisser:

(i) għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata skont it-tifsira tal-Artikolu 1(a) tar-Regolament;

(ii) għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni ta' San Marino, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata skont it-tifsira ta' dik il-leġiżlazzjoni;

(f) "membru tal-familja" tfisser:

(i) għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, membru tal-familja skont it-tifsira tal-Artikolu 1(i) tar-Regolament;

(ii) għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni ta' San Marino, membru tal-familja skont it-tifsira ta' dik il-leġiżlazzjoni;

(g) "leġiżlazzjoni" tfisser:

(i) fir-rigward tal-Istati Membri, leġiżlazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament, kif applikabbli għall-benefiċċji koperti b'din id-Deċiżjoni;

(ii) fir-rigward ta' San Marino, il-leġiżlazzjoni kif applikabbli f'San Marino dwar il-benefiċċji koperti minn din id-Deċiżjoni;

(h) "benefiċċji" tfisser:

(i) fir-rigward tal-Istati Membri, benefiċċji fit-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament;

(ii) fir-rigward ta' San Marino, il-benefiċċji korrispondenti li japplikaw f'San Marino;

(i) "benefiċċji esportabbli" tfisser:

(i) fir-rigward tal-Istati Membri:

— pensjonijiet tal-irtirar,

— pensjonijiet għas-superstiti,

— pensjonijiet marbuta ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ma' mard okkupazzjonali,

— pensjonijiet tal-invalidità marbuta ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ma' mard okkupazzjonali,

skont it-tifsira tar-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stipulat fl-Anness X tar-Regolament;

(ii) fir-rigward ta' San Marino, il-benefiċċji korrispondenti kif previst skont il-leġiżlazzjoni ta' San Marino, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stipulat fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. Termini oħra użati f'din id-Deċiżjoni għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom:

(a) fir-rigward tal-Istati Membri, fir-Regolament u fir-Regolament ta' implimentazzjoni;

(b) fir-rigward ta' San Marino, fil-leġiżlazzjoni rilevanti, kif applikabbli f'San Marino.

*Artikolu 2*

**Persuni koperti**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal:

(a) ħaddiema li huma ċittadini ta' San Marino u li huma, jew li kienu, legalment impjegati fit-territorju ta' Stat Membru u li huma, jew li kienu, soġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u s-superstiti tagħhom;

(b) membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (a) bil-kundizzjoni li dawk il-membri tal-familja jkunu, jew kienu, residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat waqt li l-ħaddiem ikun impjegat fi Stat Membru;

(c) ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma, jew li kienu, legalment impjegati fit-territorju ta' San Marino u li huma, jew li kienu, soġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' San Marino, u s-superstiti tagħhom; u

(d) membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (c) sakemm dawk il-membri tal-familja huma, jew kienu, residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat filwaqt li l-ħaddiem huwa impjegat f'San Marino.

*Artikolu 3*

**Trattament ugwali**

1. Ħaddiema li huma ċittadini ta' San Marino u li huma impjegati legalment fi Stat Membru u kwalunkwe membru tal-familja tagħhom li hu residenti legalment magħhom għandu jgawdi, fir-rigward tal-benefiċċji, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità meta mqabbla maċ-ċittadini tal-Istati Membri fejn dawk il-ħaddiema huma impjegati.

2. Il-ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma impjegati legalment f'San Marino u kwalunkwe membru tal-familja tagħhom li hu residenti legalment magħhom għandu jgawdi, fir-rigward tal-benefiċċji, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), minn trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, meta mqabbla maċ-ċittadini ta' San Marino.

PARTI II

**RELAZZJONIJIET BEJN L-ISTATI MEMBRI U SAN MARINO**

*Artikolu 4*

**Revoka tal-klawsoli ta' residenza**

1. Il-benefiċċji esportabbli, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i), li għandhom dritt għalihom il-persuni msemmija fl-Artikolu 2(a) u (c), ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda tnaqqis, modifika, sospensjoni, irtirar jew konfiska minħabba li l-benefiċjarju jirrisjedi:

(i) għall-fini ta' benefiċċji skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, fit-territorju ta' San Marino, jew

(ii) għall-fini ta' benefiċċji skont il-leġiżlazzjoni ta' San Marino, fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem imsemmija fl-Artikolu 2(b) għandhom ikunu intitolati għal benefiċċji esportabbli, fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(i), bl-istess mod bħall-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat meta dawk il-membri tal-familja jirrisjedu fit-territorju ta' San Marino.

3. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem imsemmija fl-Artikolu 2(d) għandhom ikunu intitolati għal benefiċċji esportabbli fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(ii), bl-istess mod bħall-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin ta' San Marino meta dawk il-membri tal-familja jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru.

PARTI III

## DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI

*Artikolu 5*

### Kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u San Marino għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni kollha dwar il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tagħhom li jistgħu jolqtu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u ta' San Marino għandhom joffru lil xulxin l-aħjar għajnuna li jistgħu u għandhom jaġixxu daqs li kieku qegħdin jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tagħhom stess. Bħala regola, l-għajnuna amministrattiva mogħtija minn dawk l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet għandha tkun bla ħlas. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u ta' San Marino jistgħu jaqblu li ċerti spejjeż jitħallsu lura.

3. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u ta' San Marino jistgħu, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, jikkomunikaw direttament ma' xulxin u mal-persuni involuti jew mar-rappreżentanti tagħhom.

4. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom id-dmir ta' informazzjoni u kooperazzjoni reċiproċi sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni.

5. Il-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet tal-Istat Membru kompetenti jew ta' San Marino, fejn dan tal-aħħar huwa l-Istat kompetenti, u tal-Istat Membru ta' residenza jew ta' San Marino, fejn dan tal-aħħar huwa l-Istat ta' residenza, mill-aktar fis possibbli dwar kull tibdil fis-sitwazzjoni personali jew familjari tagħhom li taffettwa d-dritt tagħhom għall-benefiċċji skont din id-Deċiżjoni.

6. In-nuqqas ta' rispett lejn l-obbligu ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 5 jista' jwassal biex jiġu applikati miżuri proporzjonati b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, dawk il-miżuri għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli għal sitwazzjonijiet simili skont il-liġi nazzjonali u ma għandhomx jagħmluha impossibbli jew diffiċli ż-żejjed fil-prattika għal dawk li japplikaw li jeżerċitaw id-drittijiet konferiti lilhom b'din id-Deċiżjoni.

7. L-Istati Membri u San Marino jistgħu jipprevedu dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-verifika tad-dritt għall-benefiċċji sabiex jitqies il-fatt li l-benefiċjarji abitazzjoni jew jirrisjedu barra t-territorju tal-Istat fejn tinsab l-istituzzjoni debitriċi. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati, ħielsa minn kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u għandhom ikunu skont il-prinċipji stipulati f'din id-Deċiżjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-Kumitat ta' Kooperazzjoni.

*Artikolu 6*

### Kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-persuni msemmija fl-Artikolu 2, li jirċievu benefiċċji esportabbli, fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i), kif ukoll għall-istituzzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Fejn benefiċjarju jew applikant għall-benefiċċji, jew membru tal-familja ta' dik il-persuna, abitazzjoni jew jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tkun qiegħda f'San Marino, jew jabita jew jirrisjedi fit-territorju ta' San Marino meta l-istituzzjoni debitriċi tkun qiegħda fi Stat Membru, l-eżami mediku għandu jsir, fuq it-talba tal-istituzzjoni debitriċi, mill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza tal-benefiċjarju, skont il-proċeduri stabbiliti mil-leġiżlazzjoni applikata minn dik l-istituzzjoni.

L-istituzzjoni debitriċi għandha tinforma lill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza dwar kwalunkwe ħtieġa speċjali li għandha tiġi segwita u, jekk meħtieġ, bil-punti li jridu jiġu koperti mill-eżami mediku.

L-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza għandha tgħaddi rapport lill-istituzzjoni debitriċi li tkun talbet l-eżami mediku.

L-istituzzjoni debitriċi żżomm id-dritt li teżamina lill-benefiċjarju minn tabib tal-għażla tagħha, jew fit-territorju fejn il-benefiċjarju jew l-applikant ta' benefiċċji jabita jew jirrisjedi jew fil-pajjiż fejn tinsab l-istituzzjoni debitriċi. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss fejn huwa jew hija j/tista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta' dannu għal saħħtu/saħħitha u fejn l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

3. Fejn benefiċjarju jew applikant għall-benefiċċji, jew membru tal-familja tiegħu, ikun jabitajew jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tkun tinsab f'San Marino, jew f'San Marino meta l-istituzzjoni debitriċi tkun tinsab fi Stat Membru, il-kontroll amministrattiv għandu jsir, fuq it-talba tal-istituzzjoni debitriċi, mill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza tal-benefiċjarju.

L-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza għandha tressaq rapport lill-istituzzjoni debitriċi li talbet il-kontroll amministrattiv.

L-istituzzjoni debitriċi żżomm id-dritt li tinkariga professjonist biex jeżamina s-sitwazzjoni tal-benefiċjarju. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss fejn huwa jew hija j/tista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta' dannu għal saħħtu/saħħitha u fejn l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

4. Stat Membru wieħed jew aktar u San Marino jistgħu jaqblu fuq id-dispożizzjonijiet amministrattivi, wara li jkunu infurmaw b'dan lill-Kumitat ta' Kooperazzjoni.

5. Bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' għajnuna amministrattiva reċiproka mingħajr ħlas stabbilit fl-Artikolu 5(2) ta' din id-Deċiżjoni, l-ammont effettiv tal-ispejjeż tal-kontrolli msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandu jitħallas lura lill-istituzzjoni li ntalbet twettaqhom mill-istituzzjoni debitriċi li talbithom.

*Artikolu 7*

**Applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Ftehim**

L-Artikolu 24 tal-Ftehim għandu japplika fil-każ li kwalunkwe waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra ma kkonformatx mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

*Artikolu 8*

**Dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' San Marino**

Il-Kumitat ta' Kooperazzjoni jista', jekk neċessarju, jistipula dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' San Marino fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 9*

**Proċeduri amministrattivi li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali eżistenti**

Il-proċeduri amministrattivi li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bejn Stat Membru u San Marino jistgħu jkomplu japplikaw dment li dawk il-proċeduri ma jaffettwawx b'mod negattiv id-drittijiet jew l-obbligi tal-persuni kkonċernati, kif stabbilit f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*

**Ftehimiet li jissupplimentaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni**

Stat Membru wieħed jew aktar u San Marino jistgħu jikkonkludu ftehimiet maħsuba biex jissupplimentaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, partikolarment fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji.

PARTI IV

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

*Artikolu 11*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. L-ebda dritt ma jista' jinkiseb skont din id-Deċiżjoni għall-perijodu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

2. Soġġett għall-paragrafu 1, għandu jinkiseb dritt skont din id-Deċiżjoni anki jekk dan jirreferi għall-kontinġenza li tqum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

3. Kull benefiċċju li ma ngħatax jew li ġie sospiż minħabba raġuni ta' nazzjonalità jew post ta' residenza tal-persuna kkonċernata għandu, fuq talba ta' dik il-persuna, jingħata jew jitkompla b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, dment li d-drittijiet li wasslu għall-benefiċċji li ngħataw qabel ma rriżultawx fi ħlas ta' somma waħda f'daqqa.

4. Jekk talba, kif imsemmi fil-paragrafu 3, titressaq fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, id-drittijiet miksuba b'konformità ma' din id-Deċiżjoni għandu jkollhom effett minn dik id-data, u l-leġiżlazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew ta' San Marino dwar ir-rinunzja jew il-limitazzjoni tad-drittijiet ma tistax tkun invokata kontra l-persuni kkonċernati.

5. Jekk talba, kif imsemmi fil-paragrafu 3, titressaq wara li jiskadi l-perijodu ta' sentejn imsemmi fil-paragrafu 4, id-drittijiet li ma jkunux intilfu jew li ma jkunux miżmuma biż-żmien għandu jkollhom effett mid-data li fiha tkun saret it-talba, suġġett għal kwalunkwe dispożizzjoni aktar favorevoli skont il-leġiżlazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew ta' San Marino.

*Artikolu 12*

**Annessi ma' din id-Deċiżjoni**

1. L-Annessi ma' din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu parti integrali minnha.

2. Fuq talba ta' San Marino jew tal-Unjoni Ewropea, l-Annessi jistgħu jkunu emendati b'deċiżjoni tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

*Għall-Kumitat ta' Kooperazzjoni*

*Il-President*

*ANNESS I*

**LISTA TA' BENEFIĊĊJI SPEĊJALI FI FLUS KONTANTI MHUX KONTRIBUTORJI TA' SAN MARINO**

*ANNESS II*

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI TA' SAN MARINO**

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Diċembru 2012

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali

(2012/776/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 48, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija [1] (il-"Ftehim") u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim tat-23 ta' Novembru 1970 [2] (il-"Protokoll Addizzjonali") jipprevedu li l-libertà tal-moviment għall-ħaddiema bejn l-Unjoni u t-Turkija għandha tkun assigurata fi stadji progressivi.

(2) L-Artikolu 9 tal-Ftehim jipprevedi li fl-ambitu tal-Ftehim kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' ċittadinanza hija ipprojbita.

(3) L-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jipprevedi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta miżuri ta' sigurtà soċjali għall-ħaddiema ta' ċittadinanza Torka li jiċċaqilqu ġewwa l-Unjoni u għall-familji tagħhom li jirresjedu fl-Unjoni.

(4) Bħala l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali u tal-Artikolu 9 tal-Ftehim fil-qasam tas-sigurtà soċjali, id-Deċiżjoni Nru 3/80 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej għall-ħaddiema Torok u l-membri tal-familji tagħhom [3] ("Deċiżjoni Nru 3/80") ġiet adottata mill-Kunsill tal-Assoċjazzjoni fid-19 ta' Settembru 1980.

(5) Jeħtieġ li jkun żgurat li fil-qasam tas-sigurtà soċjali, l-Artikolu 9 tal-Ftehim u l-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jiġu implimentati b'mod sħiħ.

(6) Hemm il-ħtieġa li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jinsabu attwalment fid-Deċiżjoni Nru 3/80 sabiex jirriflettu l-iżviluppi fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Unjoni Ewropea [4].

(7) Għalhekk, id-Deċiżjoni Nru 3/80 għandha titħassar u tiġi ssostitwita b'Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li, f'pass wieħed, timplimenta d-dispożizzjonijet rilevanti tal-Ftehim u tal-Protokoll Addizzjonali rigward il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali,

(8) Huwa opportun li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali.

(9) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha għaldaqstant tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, fir-rigward tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, għandha tiġi bbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Bidliet minuri għal dak l-abbozz tad-deċiżjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mingħajr il-ħtieġa li tiġi adottata deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

[1] ĠU 217, 29.12.1964, p. 3687/64.
[2] ĠU L 293, 29.12.1972, p. 3.
[3] ĠU C 110, 25.4.1983, p. 60
[4] Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali, ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1); ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali, (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1); Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom, (ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. CHARALAMBOUS

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI Nru …/… TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TURKIJA**

**ta' …**

**fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet tas-sistemi ta' sigurtà soċjali**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Addizzjonali tat-23 ta' Novembru 1970 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija (il-"Ftehim") u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim tat-23 ta' Novembru 1970 (il-"Protokoll Addizzjonali") jipprevedi li l-libertà tal-moviment għall-ħaddiema bejn l-Unjoni u t-Turkija għandha tkun assigurata fi stadji progressivi.

(2) L-Artikolu 9 tal-Ftehim jipprevedi li fl-ambitu tal-Ftehim kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' ċittadinanza hija ipprojbita.

(3) L-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jipprevedi l-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tat-Turkija u l-Istati Membri, u jistabbilixxi l-prinċipji għal tali koordinazzjoni.

(4) L-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jipprevedi ulterjorment li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta miżuri ta' sigurtà soċjali għall-ħaddiema ta' ċittadinanza Torka li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità u għall-familji tagħhom li jirresjedu fil-Komunità.

(5) Bħala l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali, id-Deċiżjoni Nru 3/80 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej għall-ħaddiema Torok u l-membri tal-familji tagħhom ([3]) ("Deċiżjoni Nru 3/80") ġiet adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fid-19 ta' Settembru 1980.

(6) Jeħtieġ li jkun żgurat li fil-qasam tas-sigurtà soċjali l-Artikolu 9 tal-Ftehim u l-Artikolu 39 tal-Protokoll Addizzjonali jiġu implimentati bis-sħiħ.

(7) Huwa meħtieġ li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jinsabu attwalment fid-Deċiżjoni Nru 3/80 sabiex dawn jirriflettu l-iżviluppi reċenti fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Unjoni Ewropea.

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 ([4]) jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali ([5]) u tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali ([6]) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet minħabba n-nazzjonalità tagħhom. Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 diġà jkopri l-prinċipju ta' aggregazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni miksuba minn ħaddiema Torok fid-diversi Stati Membri rigward l-intitolament għal ċerti benefiċċji, kif stipulat fl-Artikolu 39(2) tal-Protokoll Addizzjonali.

(9) Għalhekk, id-Deċiżjoni Nru 3/80 għandha titħassar u tiġi ssostitwita b'deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li, f'pass wieħed, timplimenta d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim relatati mal- koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali li jinsabu fil-Ftehim u fil-Protokoll Addizzjonali.

(10) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, din id-Deċiżjoni ma għandha tagħti l-ebda drittijiet addizzjonali li jirriżultaw minn ċerti fatti jew avvenimenti li jseħħu fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, fejn dawn il-fatti jew l-avvenimenti ma jitqisux taħt il-leġislazzjoni tal-ewwel Parti Kontraenti, għajr id-dritt ta' esportazzjoni ta' ċerti benefiċċji.

(11) Fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, id-dritt tal-ħaddiema Torok għall-benefiċċji tal-familja għandu jkun soġġett għall-kondizzjoni li l-membri tal-familja tagħhom jirresjedu legalment magħhom fl-Istat Membru fejn huma impjegati. Fejn il-membri tal-familja tagħhom jirresjedu legalment fi Stat Membru ieħor, japplika r-Regolament (UE) Nru 1231/2010. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tagħti xi intitolament għall-benefiċċji tal-familja fir-rigward tal-membri tal-familji ta' ħaddiem residenti f'pajjiż li mhux Stat Membru, pereżempju t-Turkija.

(12) Jista' jkun jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali li jikkorrispondu mal-karatteristiċi speċifiċi tal-leġislazzjoni tat-Turkija sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-regoli tal-koordinazzjoni.

(13) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tal-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri u tat-Turkija, jeħtieġ li jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u t-Turkija, kif ukoll bejn il-persuna kkonċernata u l-istituzzjoni tal-Istat kompetenti.

([1]) ĠU 217, 29.12.1964, p. 3687.
([2]) ĠU L 293, 29.12.1972, p. 3.
([3]) ĠU C 110, 25.4.1983, p. 60.
([4]) ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1.
([5]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
([6]) ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

(14) Id-dispożizzjonijiet transitorji għandhom jiġu adottati sabiex iħarsu l-persuni koperti b'din id-Deċiżjoni u sabiex ikun żgurat li ma jitilfu l-ebda dritt b'riżultat tad-dħul fis-seħħ tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PARTI I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni

(a) "Ftehim" tfisser il-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija;

(b) "Regolament" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, kif applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(c) "Regolament ta' implimentazzjoni" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 987/2009;

(d) "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(e) "ħaddiem" tfisser:

(i) għall-finijiet tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata skont it-tifsira tal-Artikolu 1(a) tar-Regolament;

(ii) għall-finijiet tal-leġislazzjoni tat-Turkija, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata skont it-tifsira ta' dik il-leġislazzjoni.

(f) "membru tal-familja" tfisser:

(i) għall-finijiet tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru, membru tal-familja skont it-tifsira tal-Artikolu 1(i) tar-Regolament;

(ii) għall-finijiet tal-leġislazzjoni tat-Turkija, membru tal-familja skont it-tifsira ta' dik il-leġislazzjoni;

(g) "leġislazzjoni" tfisser:

(i) fir-rigward tal-Istati Membri, il-leġislazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament kif applikabbli għall-benefiċċji koperti b'din id-Deċiżjoni;

(ii) fir-rigward tat-Turkija, il-leġislazzjoni, kif applikabbli fit-Turkija, fir-rigward tal-benefiċċiji koperti b'din id-Deċiżjoni;

(h) "benefiċċji" tfisser;

(i) fir-rigward tal-Istati Membri, il-benefiċċji skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament;

(ii) fir-rigward tat-Turkija, il-benefiċċji korrispondenti li japplikaw ġewwa t-Turkija;

(i) "benefiċċji esportabbli" tfisser:

(i) fir-rigward tal-Istati Membri:

— pensjonijiet tal-irtirar,

— pensjonijiet għas-superstiti,

— pensjonijiet fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ta' mard okkupazzjonali,

— il-pensjonijiet tal-invalidità,

skont it-tifsira tar-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stipulat fl-Anness X tar-Regolament;

(ii) fir-rigward tat-Turkija, il-benefiċċji korrispondenti kif previst skont il-leġislazzjoni tat-Turkija, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji kif stipulat fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni:

2. Termini oħra użati f'din id-Deċiżjoni għandu jkollhom it-tifsira assenjata lilhom

(a) fir-rigward tal-Istati Membri, fir-Regolament u fir-Regolament ta' implimentazzjoni;

(b) fir-rigward tat-Turkija, fil-leġislazzjoni rilevanti, kif applikabbli fit-Turkija.

*Artikolu 2*

**Persuni koperti**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal:

(a) ħaddiema li huma ċittadini Torok u li huma, jew li kienu, impjegati legalment fit-territorju ta' Stat Membru u li huma, jew li kienu, soġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u s-superstiti tagħhom;

(b) membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (a), bil-kondizzjoni li dawk il-membri tal-familja huma, jew kienu, residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat waqt li l-ħaddiem ikun impjegat fi Stat Membru;

(c) ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma, jew li kienu, legalment impjegati fit-territorju tat-Turkija u li huma, jew li kienu, soġġetti għal-leġislazzjoni tat-Turkija, u s-superstiti tagħhom; u

(d) membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-punt (c), sakemm dawk il-membri tal-familja huma, jew kienu, residenti legalment mal-ħaddiem ikkonċernat filwaqt li l-ħaddiem huwa impjegat fit-Turkija.

*Artikolu 3*

## Trattament ugwali

1. Ħaddiema li huma ċittadini Torok u li huma impjegati legalment fi Stat Membru u kwalunkwe membru tal-familja tagħhom li hu residenti legalment magħhom għandhom igawdu, fir-rigward ta' benefiċċji skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità meta mqabbla maċ-ċittadini tal-Istati Membri fejn dawk il-ħaddiema huma impjegati.

2. Il-ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma impjegati legalment fit-Turkija u kwalunkwe membru tal-familja tagħhom li hu residenti legalment magħhom għandhom igawdu, fir-rigward ta' benefiċċji skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(h), minn trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni fuq bażi ta' ċittadinanza, meta mqabbla maċ-ċittadini Torok.

PARTI II

## RELAZZJONIJIET BEJN L-ISTATI MEMBRI U T-TURKIJA

*Artikolu 4*

## Revoka tal-klawsoli ta' residenza

1. Il-benefiċċji esportabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i), li għandhom dritt għalihom il-persuni msemmija fl-Artikolu 2(a) u (c), ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda tnaqqis, modifika, sospensjoni, irtirar jew konfiska minħabba li l-benefiċjarju jirresjedi:

(i) għall-fini ta' benefiċċji skont il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, fit-territorju tat-Turkija, jew

(ii) għall-fini ta' benefiċċji skont il-leġislazzjoni tat-Turkija, fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem msemmija fl-Artikolu 2(b) għandhom ikunu intitolati għal benefiċċji esportabbli, skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(i), bl-istess mod bħall-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat meta dawk il-membri tal-familja jirresjedu fit-territorju tat-Turkija.

3. Il-membri tal-familja ta' ħaddiem imsemmija fl-Artikolu 2(d) għandhom ikunu intitolati għal benefiċċji esportabbli, fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(i)(ii), bl-istess mod kif il-membri tal-familja ta' ħaddiem li huwa ċittadin tat-Turkija meta dawk il-membri tal-familja jirresjedu fit-territorju ta' Stat Membru.

PARTI III

## DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI

*Artikolu 5*

## Kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u t-Turkija għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni kollha dwar il-bidliet fil-leġislazzjoni tagħhom li jistgħu jolqtu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u tat-Turkija għandhom joffru lil xulxin l-aħjar għajnuna li jistgħu u għandhom jaġixxu daqslikieku qegħdin jimplimentaw il-leġislazzjoni tagħhom stess. Bħala regola, l-għajnuna amministrattiva mogħtija minn dawk l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet għandha tkun mingħajr ħlas. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tat-Turkija jistgħu jaqblu li ċerti spejjeż jitħallsu lura.

3. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u tat-Turkija jistgħu, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, jikkomunikaw direttament ma' xulxin u mal-persuni involuti jew mar-rappreżentanti tagħhom.

4. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom id-dmir ta' informazzjoni u kooperazzjoni reċiproċi sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni.

5. Il-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet tal-Istat Membru kompetenti jew tat-Turkija, fejn dan tal-aħħar huwa l-Istat kompetenti, u tal-Istat Membru ta' residenza jew tat-Turkija, fejn dan tal-aħħar huwa l-Istat ta' residenza, mill-aktar fis possibbli dwar kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni personali jew familjari tagħhom li taffettwa d-dritt tagħhom għall-benefiċċji skont din id-Deċiżjoni.

6. In-nuqqas ta' rispett lejn l-obbligu ta' informazzjoni stipulat fil-paragrafu 5 jista' jirriżulta fl-applikazzjoni ta' miżuri proporzjonati b'konformità mal-liġi nazzjonali. Madankollu, dawn il-miżuri għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli għal sitwazzjonijiet simili skont il-liġi nazzjonali, u ma għandhomx jagħmluha impossibbli jew diffiċli żżejjed fil-prattika għal dawk li japplikaw li jeżerċitaw id-drittijiet konferiti lilhom b'din id-Deċiżjoni.

7. L-Istati Membri u t-Turkija jistgħu jipprevedu dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-verifika tad-dritt għall-benefiċċji sabiex jitqies il-fatt li l-benefiċjarji jabitaw jew jirresjedu barra t-territorju tal-Istat fejn tinsab l-istituzzjoni debitriċi. Tali dispożizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati, ħielsa minn kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza u għandhom ikunu skont il-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Tali dispożizzjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 6*

## Kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-persuni msemmija fl-Artikolu 2, li jirċievu benefiċċji esportabbli, kif imsemmija fl-Artikolu 1(1)(i), kif ukoll għall-istituzzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Fejn benefiċjarju jew applikant għall-benefiċċji, jew membru tal-familja ta' dik il-persuna, jabita jew jirresjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tkun qiegħda fit-Turkija, jew jabita jew jirrisjedi fit-territorju tat-Turkija meta l-istituzzjoni debitriċi tkun qiegħda fi Stat Membru, l-eżami mediku għandu jsir, fuq it-talba ta' dik l-istituzzjoni, mill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza tal-benefiċjarju, skont il-proċeduri stabbiliti mil-leġislazzjoni applikata minn dik l-istituzzjoni.

L-istituzzjoni debitriċi għandha tinforma lill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza dwar kwalunkwe ħtieġa speċjali li għandha tiġi segwita u, jekk meħtieġ, bil-punti li jridu jiġu koperti mill-eżami mediku.

L-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza għandha tgħaddi rapport lill-istituzzjoni debitriċi li tkun talbet l-eżami mediku.

L-istituzzjoni debitriċi għandha żżomm id-dritt li teżamina lill-benefiċjarju minn tabib tal-għażla tagħha, jew fit-territorju fejn il-benefiċjarju jew l-applikant ta' benefiċċji jabita jew jirresjedi jew fil-pajjiż fejn tinsab l-istituzzjoni debitriċi. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss meta huwa jew hija j/tista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta' dannu għal saħħtu/saħħitha u meta l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

3. Fejn benefiċjarju jew applikant għall-benefiċċji, jew membru tal-familja ta' dik il-persuna, jabita jew jirresjedi fit-territorju ta' Stat Membru meta l-istituzzjoni debitriċi tkun tinsab fit-Turkija, jew jabita jew jirrisjedi fit-Turkija meta l-istituzzjoni debitriċi tkun tinsab fi Stat Membru, il-kontroll amministrattiv għandu jsir, fuq it-talba tal-istituzzjoni debitriċi, mill-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza tal-benefiċjarju.

L-istituzzjoni tal-post ta' abitazzjoni jew ta' residenza għandha tressaq rapport lill-istituzzjoni debitriċi li talbet il-kontroll amministrattiv.

L-istituzzjoni debitriċi żżomm id-dritt li tinkariga professjonist biex jeżamina s-sitwazzjoni tal-benefiċjarju. Madankollu, il-benefiċjarju jista' jintalab li jirritorna fl-Istat Membru tal-istituzzjoni debitriċi biss meta huwa jew hija j/tista' jagħmel il-vjaġġ mingħajr ma dan ikun ta' dannu għal saħħtu/saħħitha u meta l-ispiża tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni titħallas mill-istituzzjoni debitriċi.

4. Stat Membru wieħed jew aktar u t-Turkija jistgħu jaqblu fuq id-dispożizzjonijiet amministrattivi, wara li jkunu infurmaw b'dan lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

5. Bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' għajnuna amministrattiva reċiproka mingħajr ħlas stabbilit fl-Artikolu 5(2) ta' din id-Deċiżjoni, l-ammont effettiv tal-ispejjeż tal-kontrolli msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandu jitħallas lura lill-istituzzjoni li ntalbet twettaqhom mill-istituzzjoni debitriċi li talbithom.

*Artikolu 7*

**Applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-Ftehim**

L-Artikolu 25 tal-Ftehim għandu japplika fil-każ li kwalunkwe waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra ma kkonformatx mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

*Artikolu 8*

**Dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tat-Turkija**

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista', jekk meħtieġ, jistipula dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tat-Turkija fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 9*

**Proċeduri amministrattivi li jinsabu fil- ftehimiet bilaterali eżistenti**

Il-proċeduri amministrattivi li jinsabu fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bejn Stat Membru u t-Turkija jistgħu jkomplu japplikaw b'kondizzjoni li dawk il-proċeduri ma jaffettwawx b'mod negattiv id-drittijiet jew l-obbligi tal-persuni kkonċernati, kif stipulat f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*

**Ftehimiet li jissupplimentaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni**

Stat Membru wieħed jew aktar u t-Turkija jistgħu jikkonkludu ftehimiet maħsuba biex jissupplimentaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, partikolarment fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji.

PARTI IV

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

*Artikolu 11*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

1. L-ebda dritt ma jista' jinkiseb skont din id-Deċiżjoni għall-perijodu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

2. Soġġett għall-paragrafu 1, għandu jinkiseb dritt skont din id-Deċiżjoni anki jekk dan jirreferi għal kontinġenza li tqum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

3. Kull benefiċċju li ma ngħatax jew li ġie sospiż minħabba raġuni ta' nazzjonalità jew post ta' residenza tal-persuna kkonċernata għandu, fuq talba ta' dik il-persuna, jingħata jew jitkompla b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, sakemm id-drittijiet li wasslu għall-benefiċċji li ngħataw qabel ma rriżultawx fi ħlas ta' somma waħda f'daqqa.

4. Jekk talba, kif imsemmi fil-paragrafu 3, titressaq fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, id-drittijiet miksuba b'konformità ma' din id-Deċiżjoni għandu jkollhom effett minn dik id-data, u l-leġislazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tat-Turkija dwar ir-rinunzja jew il-limitazzjoni tad-drittijiet ma tistax tkun invokata kontra l-persuni kkonċernati.

5. Jekk talba, kif imsemmi fil-paragrafu 3, titressaq wara li jiskadi l-perijodu ta' sentejn imsemmi fil-paragrafu 4, id-drittijiet li ma jkunux intilfu jew li ma jkunux miżmuma biż-żmien għandu jkollhom effett mid-data li fiha tkun saret it-talba, soġġett għal kwalunkwe dispożizzjoni aktar favorevoli skont il-leġislazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tat-Turkija.

6. Id-drittijiet ta' persuna li tingħata pensjoni jew benefiċċju speċjali fi flus kontanti mhux kontributorji minn Stat Membru qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u bħala riżultat tal-effett dirett tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 3/80, ma għandhomx ikunu limitati jew mitlufa bħala riżultat ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 12*

**Annessi għal din id-Deċiżjoni**

L-Annessi għal din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu parti integrali minnha.

*Artikolu 13*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni Nru 3/80 għandha titħassar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*
*Il-President*

---

*ANNESS I*

**LISTA TA' BENEFIĊĊJI SPEĊJALI FI FLUS KONTANTI MHUX KONTRIBUTORJI TAT-TURKIJA**

---

*ANNESS II*

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-LEĠISLAZZJONI TAT-TURKIJA**

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-10 ta' Diċembru 2012

## dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni

(2012/777/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114, 168, 169 u 172, l-Artikolu 173(3), u l-Artikoli 188 u 192, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Ġunju 2007 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra [1], dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni ("il-Protokoll").

(2) Dawn in-negozjati ġew konklużi.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Armenja fil-programmi tal-Unjoni huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu [2].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. ASHTON

---

[1] ĠU L 239, 9.9.1999, p. 3.

[2] It-test tal-Protokoll ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1189/2012

## tal-10 ta' Diċembru 2012

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-aringi fl-ilmijiet tal-UE, l-ilmijiet Norveġiżi u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 44/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa, għall-2012, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali [2], jistabbilixxi l-kwoti għall-2012.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2012.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2012 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 25, 27.1.2012, p. 55.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 76/TQ44 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Stokk | HER/1/2- |
| Speċi | Aringa (*Clupea harengus*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-UE, l-ilmijiet Norveġiżi u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II |
| Data | 21.11.2012 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1190/2012

## tat-12 ta' Diċembru 2012

## dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium f'qatgħat tad-dundjani, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-kontroll tas-*Salmonella* u aġenti żoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm fl-ikel ([1]) u, b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 għandu l-għan li jiżgura li jittieħdu miżuri xierqa u effettivi għall-individwazzjoni u l-kontroll tas-*Salmonella* u aġenti żoonotiċi oħra fl-istadji rilevanti kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, partikolarment fil-livell tal-produzzjoni primarja, biex titnaqqas il-prevalenza tagħhom u r-riskju tagħhom għas-saħħa pubblika.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2160/2003 jistipula mira tal-Unjoni li trid tiġi stabbilita għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-serotipi kollha tas-*Salmonella* b'sinifikat għas-saħħa pubblika fid-dundjani fil-livell tal-produzzjoni primarja. Dak it-tnaqqis huwa essenzjali biex jiżgura li jistgħu jintlaħqu l-kriterji għas-*Salmonella* fil-laħam frisk tad-dundjani stabbiliti fil-Parti E tal-Anness II ta' dak ir-Regolament u fil-Kapitolu 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti alimentari ([2]).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula li l-mira tal-Unjoni trid tinkludi espressjoni numerika tal-persentaġġ massimu tal-unitajiet epidemjoloġiċi li jibqgħu pożittivi u/jew il-persentaġġ minimu tat-tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet epidemjoloġiċi li jibqgħu pożittivi, il-limitu massimu ta' żmien li fih trid tintlaħaq il-mira, kif ukoll id-definizzjoni tal-iskemi ta' ttestjar meħtieġa biex ikun verifikat li l-mira ntlaħqet. Din trid tinkludi wkoll definizzjoni, fejn xieraq, tas-serotipi b'sinifikat għas-saħħa pubblika.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula li meta tkun se tiġi stabbilita l-mira tal-Unjoni għandha titqies l-esperjenza miksuba mill-miżuri nazzjonali eżistenti u mit-tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni jew lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel ("EFSA") skont ir-rekwiżiti attwali tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tat-tagħrif stabbilit fid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 584/2008 tal-20 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-*Salmonella* Enteritidis u tas-*Salmonella* Typhimurium fid-dundjani ([4]) jiffissal-mira għall-persentaġġ massimu ta' qatgħat tad-dundjani li jibqgħu pożittivi għal dawk iż-żewġ serotipi tas-*Salmonella* sa 1 % jew anqas sal-31 ta' Diċembru 2012, kemm għal qatgħat tad-dundjani tas-simna kif ukoll għal dawk adulti tat-tgħammir.

(6) Ir-Rapport Sommarju tal-Unjoni Ewropea dwar it-Tendenzi u s-Sorsi taż-Żoonożi, l-Aġenti Żoonetiċi u t-Tfaqqigħ li jinġarr fl-Ikel fl-2010 ([5]) wera li s-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium huma s-serotipi li huma l-aktar ta' spiss assoċjati mal-mard uman. B'mod partikolari, każijiet umani kkawżati mis-*Salmonella* Enteritidis komplew naqsu b'mod sinifikanti fl-2010.

(7) F'Marzu 2012, l-EFSA adottat Opinjoni Xjentifika dwar stima tal-impatt fuq is-saħħa pubblika bit-twaqqif ta' mira ġdida għat-tnaqqis tas-*Salmonella* fid-dundjani ([6]). Hija kkonkludiet li s-*Salmonella* Enteritidis hija l-aktar serotip tas-*Salmonella* żoonotika li huwa trażmess bl-aktar suċċess mill-ġenitur għall-wild fit-tjur. L-EFSA osservat ukoll li l-miżuri tal-kontroll mill-Unjoni għad-dundjani taw kontribut għal tnaqqis konsiderevoli fl-għadd ta' każijiet tas-salmonellożi umana assoċjati mad-dundjani meta mqabbel mal-qagħda fl-2007. Għalhekk il-mira għandha tiġi kkonfermata.

(8) Il-varjetajiet monofażiċi tas-*Salmonella* Typhimurium saru fost dawk is-serotipi tas-*Salmonella* li jinstabu l-aktar ta' spiss f'bosta speċi ta' annimali u f'iżolati kliniċi mill-bnedmin fis-snin riċenti kif indikat fir-Rapport Sommarju tal-Unjoni Ewropea dwar it-Tendenzi u s-Sorsi taż-Żoonożi, l-Aġenti Żoonetiċi u t-Tfaqqigħ li jinġarr fl-Ikel fl-2010. L-Opinjoni Xjentifika tal-EFSA fl-2010 dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31.
([4]) ĠU L 162, 21.6.2008, p. 3.
([5]) *The EFSA Journal* 2012; 10(3):2597.
([6]) *The EFSA Journal* 2012; 10(4):2616.

pubblika ta' "Varjetajiet li jixbhu lis-*Salmonella* Typhimurium" adottata fit-22 ta' Settembru 2010 [1] ddikjarat ukoll li l-varjetajiet monofażiċi tas-*Salmonella* Typhimurium bil-formula antiġenika 1,4,[5],12:i:-, li tinkludi varjetajiet bl-antiġenu O5 u mingħajru, iridu jitqiesu li huma varjetajiet tas-*Salmonella* Typhimurium u li għandhom riskju għas-saħħa pubblika li jista' jitqabbel ma' dak ta' varjetajiet oħra tas-*Salmonella* Typhimurium. Għalhekk il-varjetajiet tas-*Salmonella* Typhimurium bil-formula antiġenika 1,4,[5],12:i:- għandhom jiddaħħlu fil-mira.

(9) Sabiex jiġi verifikat jekk il-mira tal-Unjoni tkunx intlaħqet, huwa meħtieġ li b'mod ripetut jittieħdu kampjuni ta' qatgħat tad-dundjani. Sabiex ir-riżultati jiġu evalwati u mqabbla, huwa meħtieġ li tiġi deskritta skema komuni tal-ittestjar.

(10) Programmi nazzjonali ta' kontroll biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-2013 għall-qatgħat tad-dundjani tressqu għal kofinanzjament mill-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [2]. L-emendi tekniċi introdotti fl-Anness ta' dan ir-Regolament huma applikabbli direttament. Minħabba f'hekk, il-Kummissjoni ma għandhiex bżonn terġa' tapprova programmi nazzjonali ta' kontroll li jimplimentaw dan ir-Regolament. Għalhekk mhux meħtieġ perjodu tranżitorju.

(11) Fl-interessi taċ-ċarezza, ir-Regolament (KE) Nru 584/2008 għandu jitħassar.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Mira tal-Unjoni**

1. Il-mira tal-Unjoni, kif jissemma fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003, għat-tnaqqis tas-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium fid-dundjani ("Mira tal-Unjoni") għandha tkun:

(a) tnaqqis tal-persentaġġ annwali massimu ta' qatgħat tad-dundjani tas-simna li jibqgħu pożittivi għas-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium sa 1 % jew anqas; u

(b) tnaqqis tal-persentaġġ annwali massimu ta' qatgħat tad-dundjani adulti tat-tgħammir li jibqgħu pożittivi għas-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium sa 1 % jew anqas.

Madanakollu, għall-Istati Membri b'anqas minn 100 qatgħa ta' dundjani adulti tat-tgħammir jew tas-simna, il-mira tal-Unjoni għandha tkun li f'sena sa qatgħa waħda biss ta' dundjani adulti tat-tgħammir jew tas-simna tista' tibqa' pożittiva.

Rigward is-*Salmonella* Typhimurium monofażika, fil-mira tal-Unjoni għandhom jiġu inklużi s-serotipi bil-formula antiġenika 1,4,[5],12:i:-.

2. L-iskema tal-ittestjar meħtieġa biex tivverifika l-progress fil-kisba tal-mira tal-Unjoni hija stipulata fl-Anness ("l-iskema ta' ttestjar").

*Artikolu 2*

**Reviżjoni tal-mira tal-Unjoni**

Il-mira tal-Unjoni għandha tiġi riveduta mill-Kummissjoni billi tqis it-tagħrif miġbur skont l-iskema tal-ittestjar u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(6)(c) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

*Artikolu 3*

**Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 584/2008**

Ir-Regolament (KE) Nru 584/2008 għandu jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

(1) *The EFSA Journal* 2010; 8(10):1826.

(2) ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

*ANNESS*

**Skema tal-ittestjar neċessarja biex tkun verifikata l-kisba tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2)**

1. QAFAS GĦAT-TEĦID TAL-KAMPJUNI

Il-qafas għat-teħid tal-kampjuni għandu jinkludi l-qatgħat kollha tad-dundjani tas-simna u tat-tgħammir fil-qafas tal-programmi nazzjonali ta' kontroll stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

2. MONITORAĠĠ TAD-DUNJANI

2.1. **Frekwenza tat-teħid tal-kampjun**

(a) L-operaturi kummerċjali tal-ikel għandhom jieħdu kampjuni mill-qatgħat kollha tad-dundjani tas-simna u tat-tgħammir kif ġej:

(i) it-teħid tal-kampjuni minn qatgħat tad-dundjani tas-simna u tat-tgħammir għandu jsir fi żmien tliet ġimgħat qabel il-qatla. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza teħid tal-kampjuni fl-aħħar sitt ġimgħat qabel id-data tal-qatla f'każ li d-dundjani jinżammu għal aktar minn 100 jum jew jaqgħu taħt il-produzzjoni organika tad-dundjani skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([1]);

(ii) it-teħid tal-kampjuni minn qatgħat tad-dundjani tat-tgħammir għandu jsir:

— f'qatgħat tat-trobbija: b'età ta' ġurnata, b'età ta' erba' ġimgħat u ġimagħtejn qabel jimxu għall-fażi li jbidu jew għall-unità fejn ibidu,

— f'qatgħat adulti: mill-anqas kull tielet ġimgħa matul il-perjodu li jbidu fl-azjenda jew fil-mafqas,

— fl-azjenda fil-każ ta' qatgħat tad-dundjani tat-tgħammir li jbidu bajd tat-tfaqqis maħsub għall-kummerċ fl-Unjoni.

(iii) L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li timplimenta waħda mill-għażliet imsemmija fit-tieni inċiż tal-punt (ii) għall-iskema kollha tal-ittestjar għall-qatgħat kollha. Madanakollu, it-teħid tal-kampjuni tal-qatgħat tat-tgħammir li jbidu bajd tat-tfaqqis maħsub għall-kummerċ fl-Unjoni għandu jseħħ fl-azjenda.

(iv) B'deroga mit-tieni inċiż tal-punt (ii), jekk il-mira tal-Unjoni tkun intlaħqet għal mill-anqas sentejn kalendarji konsekuttivi fl-Istati Membri kollha, it-teħid tal-kampjuni fl-azjenda jista' jiġi estiż biex isir kull erba' ġimgħat, fuq id-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti. Madanakollu, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li żżomm jew terġa' lura għal intervall tal-ittestjar ta' ġimgħatejn fil-każ li tinstab il-preżenza tas-serotipi rilevanti tas-*Salmonella* fil-qatgħa tat-tgħammir fl-azjenda u/jew f'kull każ ieħor meqjus xieraq mill-awtorità kompetenti.

(b) It-teħid tal-kampjuni mill-awtorità kompetenti għandu għallinqas jipprovdi għal:

(i) it-teħid tal-kampjuni minn qatgħat tad-dundjani tat-tgħammir:

— darba fis-sena, il-qatgħat kollha b'mill-anqas 250 dundjan adult tat-tgħammir b'età ta' bejn it-30 u l-45 ġimgħa u l-azjendi kollha li jrabbu dundjani nanniet u bużnanniet elit għat-tgħammir; l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li dan it-teħid tal-kampjuni jista' jsir ukoll fil-mafqas; u

— il-qatgħat kollha fl-azjendi f'każ li tinstab is-*Salmonella* Enteritidis jew is-*Salmonella* Typhimurium f'kampjuni meħuda fil-mafqas minn operaturi kummerċjali tal-ikel jew fil-qafas tal-kontrolli uffiċjali, biex tiġi investigata l-oriġini tal-infezzjoni.

(ii) it-teħid tal-kampjuni minn qatgħat tad-dundjani tas-simna għandu jsir darba fis-sena, mill-anqas f'qatgħa waħda f'10 % tal-azjendi b'mill-anqas 500 dundjan tas-simna.

(iii) it-teħid tal-kampjuni jista' jsir abbażi tar-riskju u kull darba li l-awtorità kompetenti tikkunsidrah neċessarju.

(iv) it-teħid tal-kampjuni li jsir mill-awtorità kompetenti jista' jieħu post it-teħid tal-kampjuni mill-operatur kummerċjali tal-ikel kif imsemmi fil-punt (a).

2.2. **Il-protokoll tat-teħid tal-kampjuni**

2.2.1. *Struzzjonijiet ġenerali għat-teħid tal-kampjuni*

L-awtorità kompetenti jew l-operatur kummerċjali tal-ikel għandhom jiżguraw li l-kampjuni jittieħdu minn persuni mħarrġa għal dak il-għan.

([1]) ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1.

It-teħid tal-kampjuni minn qatgħat tad-dundjani tat-tgħammir għandu jsir skont il-punt 2.2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2010 ([1]).

Għat-teħid tal-kampjuni minn qatgħat tad-dundjani tas-simna mill-anqas żewġ pari swabs li jintlibsu fuq l-istvali għandhom jittieħdu għal kull qatgħa. Is-swabs li jintlibsu fuq l-istvali jitqiegħdu fuq il-buz u l-kampjun jittieħed bil-mixi madwar il-bini fejn jinżammu t-tjur. Is-swabs minn qatgħa waħda tad-dundjani jistgħu jinġabru f'kampjun wieħed.

Il-wiċċ tas-swabs, qabel ma dawn jintlibsu fuq l-istvali, għandu jixxarrab:

(a) billi jiġu applikati dilwenti ta' rkupru massimu (MRD: 0,8 % klorur tas-sodju, 0,1 % peptun f'ilma sterili dejonizzat); jew

(b) billi jiġi applikat ilma sterili; jew

(c) billi jiġi applikat kull dilwent ieħor approvat mil-laboratorju nazzjonali ta' referenza msemmi fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003; jew

(d) billi jiġi awtoklavat f'kontenitur flimkien mad-dilwenti.

Is-swabs li jintlibsu fuq l-istvali għandhom jixxarrbu billi jitferra' l-likwidu fihom qabel ma jintlibsu jew billi jitħawdu f'kontenitur bid-dilwent.

Għandu jkun żgurat li t-taqsimiet kollha ta' azjenda huma rappreżentati fil-kampjun b'mod proporzjonat. Kull par swabs li jintlibsu fuq l-istvali għandu jkopri madwar 50 % taż-żona tal-binja.

Meta jitlesta t-teħid tal-kampjuni, is-swabs li jintlibsu fuq l-istvali għandhom jitneħħew bil-galbu mill-buz sabiex ma jaqax materjal aderenti. Is-swabs li jintlibsu fuq l-istvali jistgħu jinqalbu ta' ġewwa barra biex ma jaqax minnhom materjal. Dawn għandhom jitqiegħu f'borża jew f'kontenitur u titwaħħal fuqhom tikketta.

L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li żżid l-għadd minimu ta' kampjuni sabiex tiżgura teħid rappreżentattiv tal-kampjuni skont evalwazzjoni tal-każijiet, wieħed wieħed, tal-parametri epidemjoloġiċi, fosthom il-kundizzjonijiet tal-bijosigurtà, it-tqassim jew id-daqs tal-qatgħa.

Jekk l-awtorità kompetenti tapprova dan, par wieħed ta' swabs li jintlibsu fuq l-istvali jista' jitbiddel minn kampjun ta' 100 g trab miġbur minn diversi postijiet fil-binja kollha minn fuq uċuħ bi preżenza viżibbli ta' trab. Bħala alternattiva, swab waħda jew aktar ta' drapp niedi b'wiċċ kombinat ta' mill-anqas 900 $cm^2$ jistgħu jintużaw biex jiġbru trab minn fuq diversi uċuħ minn madwar il-binja. Kull swab għandha tinkesa sew bit-trab fuq iż-żewġ naħat.

2.2.2. *Struzzjonijiet speċifiċi għal ċerti tipi ta' azjendi*

(a) Għall-qatgħat tad-dundjani mrobbija fil-ftuħ, il-kampjuni għandhom jittieħdu biss fil-binja.

(b) Jekk l-aċċess għall-binja ma jkunx possibbli minħabba l-ispazju limitat f'qatgħat b'anqas minn 100 dundjan, u għalhekk waqt il-mixi ma jkunx possibbli li jintużaw is-swabs li jintlibsu fuq l-istvali, dawn jistgħu jitbiddlu mill-istess tip ta' swabs tad-drapp li jintlibsu fl-idejn u li jintużaw għat-trab; u dawn jingħorku fuq uċuħ kontaminati b'rawt frisk, jew jekk dan ma jkunx fattibbli, permezz ta' tekniki oħra għat-teħid tal-kampjuni mir-rawt li huma xierqa għall-għan maħsub.

2.2.3. *Teħid tal-kampjuni mill-awtorità kompetenti*

L-awtorità kompetenti għandha tissodisfa ruħha billi tagħmel iżjed testijiet u/jew kontrolli dokumentati kif xieraq biex tivverifika li r-riżultati ma jitbiddlux bil-preżenza ta' antimikrobiċi jew sustanzi oħra li ma jippermettux it-tkabbir tal-batterji.

Fejn ma tinstabx il-preżenza tas-*Salmonella* Enteritidis u tas-*Salmonella* Typhimurium iżda jinstabu antimikrobiċi jew effetti li tħalliex isir tkabbir tal-batterji, il-qatgħa tad-dundjani għandha titqies infettata għall-għan tal-mira tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2).

2.2.4. *Trasport*

Il-kampjuni għandhom jintbagħtu bla dewmien żejjed, bil-posta ekspress jew bil-kurjer, lil-laboratorji msemmija fl-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003. Waqt it-trasport għandhom jiġu protetti minn temperaturi ogħla minn 25 °C u mill-esponiment għad-dawl tax-xemx.

Fejn mhux possibbli li l-kampjuni jintbagħtu fi żmien 24 siegħa minn meta ttieħdu, dawn għandhom jinħażnu fil-kesħa.

3. ANALIŻIJIET TAL-LABORATORJU

3.1. **It-tħejjija tal-kampjuni**

Fil-laboratorju, il-kampjuni għandhom jinżammu fil-kesħa sakemm isir l-eżami, u dan għandu jinbeda fi żmien 48 siegħa wara li jasal il-kampjun u fi żmien 96 siegħa wara li jkun ittieħed il-kampjun.

([1]) ĠU L 61, 11.3.2010, p. 1.

Il-par(i) ta' swabs/kalzetti li jintlibsu fuq l-istvali/kalzetti għandhom jinħarġu mill-kontenitur bil-galbu ħalli jiġi evitat li jaqa' materjal aderenti ta' rawt, jinġabru flimkien u jitqiegħu f'225 ml ilma tal-peptun li jkun newtralizzat (BPW) li jkun issaħħan minn qabel għal temperatura ambjentali. Is-swabs/kalzetti li jintlibsu fuq l-istvali għandhom jiġu mgħaddsa kompletament fil-BPW u għalhekk wieħed jista' jżid aktar BPW jekk ikun meħtieġ.

Preferibbilment, il-kampjun tat-trab għandu jiġi analizzat għalih. Madanakollu, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li dan jitħalla jingħaqad ma' dak tal-par swabs li jintlibsu fuq l-istvali/kalzetti għall-analiżi.

Il-kampjun għandu jitħawwad sakemm jissaturah kollu u l-kultura għandha titkompla bl-użu tal-metodu ta' individwazzjoni stabbilit fil-punt 3.2.

Kampjuni oħrajn (pereżempju mill-qatgħat tat-tgħammir jew mill-imfaqas) għandhom jitħejjew skont il-punt 2.2.2 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 200/2010.

Jekk isir qbil fuq l-istandards tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni ("CEN") jew l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni ("ISO") dwar it-tħejjija tar-rawt biex tinstab is-*Salmonella*, dawn għandhom jiġu applikati u jieħdu post id-dispożizzjonijiet dwar it-tħejjija tal-kampjuni stabbiliti f'dan il-punt.

3.2. **Il-metodu tal-individwazzjoni**

Għandu jintuża l-metodu ta' individwazzjoni li hu rakkomandat mil-Laboratorju ta' Referenza tal-UE għas-*Salmonella* f'Bilthoven, il-Pajjiżi l-Baxxi.

Dan il-metodu hu deskritt fl-Anness D tal-EN/ISO 6579 (2002): "L-individwazzjoni tas-*Salmonella* spp. fir-rawt tal-annimali u fil-kampjuni tal-istadju primarju tal-produzzjoni".

F'dak il-metodu ta' individwazzjoni, tintuża sustanza semi-solida (sustanza semi-solida mmodifikata Rappaport-Vassiladis, MSRV) bħala s-sustanza selettiva unika tal-arrikkiment.

3.3. **Is-serotipar**

Għall-qatgħat tad-dundjani tat-tgħammir għandu jiġi serotipizzat mill-anqas iżolat wieħed minn kull kampjun pożittiv, skont l-iskema White-Kaufmann-Le Minor.

Għall-qatgħat tad-dundjani tas-simna għandu jiġi serotipizzat mill-anqas iżolat wieħed minn kull kampjun pożittiv li ttieħed mill-awtorità kompetenti, skont l-iskema White-Kauffmann-Le Minor.

L-operaturi kummerċjali tal-ikel għandhom għallinqas jiżguraw li għall-iżolati kollha l-ebda wieħed ma jkun mis-serotipi tas-*Salmonella* Enteritidis jew tas-*Salmonella* Typhimurium inklużi l-varjetajiet monofażiċi bil-formula antiġenika 1,4,[5],12:i:-.

3.4. **Metodi alternattivi**

Fir-rigward tal-kampjuni meħuda fuq inizjattiva tal-operatur kummerċjali tal-ikel, il-metodi tal-analiżi stipulati fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jistgħu jintużaw minflok il-metodi għat-tħejjija tal-kampjuni, il-metodu ta' individwazzjoni u s-serotipar previsti fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3 ta' dan l-Anness, jekk validati skont l-EN/ISO 16140.

3.5. **Ħażna tal-varjetajiet**

Il-laboratorji għandhom jiżguraw li kull sena mill-anqas varjant iżolat wieħed tas-*Salmonella* spp. għal kull qatgħa jkun jista' jinġabar mill-awtorità kompetenti u jinħażen għal phagetyping jew ittestjar tas-suxxettibbiltà antimikrobika li jistgħu jsiru fil-futur, bl-użu tal-metodi normali għall-ġbir tal-kultura, li jrid jiżgura l-integrità tal-varjetajiet għal perjodu minimu ta' sentejn mid-data tal-analiżi.

L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li iżolati tas-*Salmonella* spp. minn kampjuni li ttieħdu minn operaturi kummerċjali tal-ikel għandhom jinħażnu għal phagetyping jew ittestjar għas-suxxettibilità antimikrobika fil-futur biex jipprovdu għall-iżolati li jridu jiġu ttestjati skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/407/KE ([2]).

4. RIŻULTATI U RAPPURTAR

4.1. **Kalkolu tal-prevalenza għall-verifika tal-mira tal-Unjoni**

Qatgħa tad-dundjani għandha titqies pożittiva għall-għan tal-verifika tal-kisba tal-mira tal-Unjoni meta fil-qatgħa tinstab il-preżenza tas-*Salmonella* Enteritidis u/jew tas-*Salmonella* Typhimurium (għajr il-varjetajiet tal-vaċċin, iżda inklużi l-varjetajiet monofażiċi bil-formula antiġenika 1,4,[5],12:i:-).

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 153, 14.6.2007, p. 26.

Qatgħat tad-dundjani pożittivi għandhom jingħaddu darba biss kull rawnd, irrispettivament mill-għadd ta' operazzjonijiet ta' teħid tal-kampjuni u ttestjar, u jiġu rappurtati biss fis-sena li fiha jinstabu pożittivi għall-ewwel darba. Il-prevalenza għandha tiġi kkalkulata b'mod separat għal qatgħat tad-dundjani tas-simna u għal qatgħat tad-dundjani adulti tat-tgħammir.

4.2. **Rappurtar**

4.2.1. *Ir-rappurtar għandu jinkludi:*

(a) in-numru totali ta' qatgħat tad-dundjani tas-simna u tad-dundjani adulti tat-tgħammir li jkunu ġew ittestjati mill-anqas darba matul is-sena tar-rappurtar;

(b) in-numru totali ta' qatgħat tas-simna u ta' qatgħat adulti tat-tgħammir li jinstabu pożittivi għal xi serotip tas-*Salmonella* fl-Istat Membru;

(c) in-numru ta' qatgħat tad-dundjani tas-simna u tad-dundjani adulti tat-tgħammir li jinstabu pożittivi għallinqas darba għas-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium inklużi l-varjetajiet monofażiċi bil-formula antiġenika 1,4,[5],12:i:-;

(d) in-numru ta' qatgħat tad-dundjani tas-simna u tad-dundjani adulti tat-tgħammir li jinstabu pożittivi għal kull serotip tas-*Salmonella* jew għal *Salmonella* mhux speċifikata (iżolati li ma jistgħux jingħataw tip jew li mhumiex serotipizzati).

4.2.2. *L-informazzjoni msemmija fl-(a) sad-(d) tal-punt 4.2.1 għandha tingħata b'mod separat għat-teħid tal-kampjuni fil-programm nazzjonali ġenerali ta' kontroll tas-Salmonella għal:*

(a) it-teħid tal-kampjuni tal-operaturi kummerċjali tal-ikel kif stipulat fil-punt 2.1(a); u

(b) it-teħid tal-kampjuni tal-awtoritajiet kompetenti kif stipulat fil-punt 2.1(b).

4.2.3. *Ir-riżultati tat-testijiet għandhom jitqiesu bħala informazzjoni rilevanti dwar il-katina alimentari kif stipulat fit-Taqsima III tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [1].

Għallinqas din l-informazzjoni li ġejja għandha ssir disponibbli għall-awtorità kompetenti minn kull qatgħa tad-dundjani ttestjata:

(a) ir-referenza tal-azjenda, li tibqa' unika fiż-żmien;

(b) ir-referenza tal-qatgħa, li tibqa' unika fiż-żmien;

(c) ix-xahar meta jittieħdu l-kampjuni;

(d) l-għadd ta' tjur f'kull qatgħa.

Ir-riżultati u kull informazzjoni rilevanti addizzjonali għandhom jiġu rappurtati bħala parti mir-rapport dwar it-tendenzi u s-sorsi stipulat fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

L-operatur kummerċjali tal-ikel għandu javża mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti bl-individwazzjoni tas-*Salmonella* Enteritidis u s-*Salmonella* Typhimurium inklużi l-varjetajiet monofażiċi bil-formula antiġenika 1,4,[5],12:i:-. L-operatur kummerċjali tal-ikel għandu jagħti struzzjonijiet lil-laboratorju tal-analiżi biex jaġixxi skont dan.

---

(1) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
(2) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1191/2012

## tat-12 ta' Diċembru 2012

## li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali, fejn tidħol is-sustanza saliċilat tas-sodju

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mfassla mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

(1) Il-limitu massimu ta' residwi ("MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel, jew fil-prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali, għandhom ikunu stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009.

(2) Is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali huma stabbiliti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali ([2]).

(3) Is-saliċilat tas-sodju bħalissa huwa inkluż fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 bħala sustanza awtorizzata għall-ispeċi bovini u porċini, esklużi l-annimali li jipproduċu ħalib għall-konsum mill-bniedem, għall-ispeċi kollha li jipproduċu l-ikel ħlief l-ispeċi tal-ħut bil-ġewnaħ, għal użu topiku biss, u għad-dundjani, applikabbli għall-muskoli, il-ġilda u x-xaħam, il-fwied u l-kliewi, esklużi l-annimali li jipproduċu l-bajd għall-konsum mill-bniedem. Il-limitu massimu ta' residwi proviżorju għal dik is-sustanza stabbilit għad-dundjani jiskadi fl-1 ta' Lulju 2015.

(4) Ingħatat u ġiet ivvalutata dejta addizzjonali li wasslet lill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju biex jirrakkomanda li l-MRLs provviżorji għas-saliċilat tas-sodju għad-dundjani għandu jkun stabbilit bħala definittiv.

(5) L-annotazzjoni għas-saliċilat tas-sodju fit-Tabella 1 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 qed jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.

([2]) ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1.

*ANNESS*

L-annotazzjoni għas-saliċilat tas-sodju fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandha tinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza farmakoloġikament attiva | Markatur tar-residwi | Speċi tal-Annimali | MRL | Tessuti fil-Mira | Dispożizzjonijiet Oħrajn (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009) | Klassifikazzjoni terapewtika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Saliċilat tas-sodju | MHUX APPLIKABBLI | Bovini, porċini | Mhu meħtieġ l-ebda MRL | MHUX APPLIKABBLI | Għall-użu orali.<br>Mhux għall-użu f'annimali li minnhom jiġi prodott il-ħalib għall-konsum mill-bniedem. | L-EBDA ANNOTAZZJONI |
| | | Kull speċi mrobbija għall-ikel minbarra l-ħut bil-ġewnaħ | Mhu meħtieġ l-ebda MRL | MHUX APPLIKABBLI | Għall-użu topiku biss. | |
| | Aċidu saliċiliku | Dundjani | 400 µg/kg<br>2 500 µg/kg<br>200 µg/kg<br>150 µg/kg | Muskoli<br>Ġilda u xaħam fi proporzjonijiet naturali<br>Fwied<br>Kliewi | Mhux għall-użu fl-annimali li jipproduċu l-bajd għall-konsum mill-bniedem | Aġenti kontra l-infjammazzjoni/ Aġenti kontra l-infjammazzjoni mhux sterojdi" |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1192/2012

## tat-12 ta' Diċembru 2012

## li jtemm ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass, li ma jimtlewx ikkunsinnati mill-Vjetnam, kemm jekk huma ddikjarati li joriġinaw mill-Vjetnam jew le, imposti bir-Regolament (UE) Nru 548/2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### 1. L-investigazzjoni kontra l-evażjoni u r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet

(1) Fis-26 ta' Ġunju 2012 permezz tar-Regolament (UE) Nru 548/2012 ([2]) il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni dwar l-evażjoni possibbli tal-miżuri kontra d-dumping imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1458/2007 ([3]) fuq importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass li ma jimtlewx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina minn importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass li ma jimtlewx ikkunsinnati mill-Vjetnam, kemm jekk huma ddikjarati li joriġinaw mill-Vjetnam jew le. Dan ir-Regolament issuġġetta wkoll l-importazzjonijiet imsemmija hawn fuq għal reġistrazzjoni.

(2) Dan ir-Regolament ma jippreġudikax il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni mibdija bir-Regolament (UE) Nru 548/2012.

### 2. It-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni

(3) Minħabba l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass, li ma jimtlewx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ([4]), għandha titwaqqaf ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass li ma jimtlewx ikkunsinnati mill-Vjetnam, kemm jekk jiġu ddikjarati li joriġinaw mill-Vjetnam u kemm jekk le.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'dan, l-awtoritajiet doganali huma ordnati li jtemmu r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 548/2012.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 165, 26.6.2012, p. 37.
([3]) ĠU L 326, 12.12.2007, p. 1.
([4]) ĠU C 382, 12.12.2012, p. 12.

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1193/2012**

**tat-12 ta’ Diċembru 2012**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta’ Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati [2] u b’mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta’ kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta’ Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F’isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 48,7 |
| | MA | 86,8 |
| | TN | 97,7 |
| | TR | 90,3 |
| | ZZ | 80,9 |
| 0707 00 05 | AL | 88,1 |
| | JO | 174,9 |
| | MA | 133,1 |
| | TR | 137,0 |
| | ZZ | 133,3 |
| 0709 93 10 | MA | 159,4 |
| | TR | 121,2 |
| | ZZ | 140,3 |
| 0805 10 20 | TR | 73,8 |
| | ZA | 50,9 |
| | ZW | 43,2 |
| | ZZ | 56,0 |
| 0805 20 10 | MA | 65,9 |
| | ZZ | 65,9 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | JM | 129,1 |
| | MA | 106,4 |
| | TR | 81,3 |
| | ZZ | 105,6 |
| 0805 50 10 | TR | 82,7 |
| | ZZ | 82,7 |
| 0808 10 80 | CA | 157,2 |
| | MK | 37,9 |
| | US | 153,3 |
| | ZA | 138,0 |
| | ZZ | 121,6 |
| 0808 30 90 | CN | 61,4 |
| | US | 160,6 |
| | ZZ | 111,0 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

## RETTIFIKA

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 103/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 270 tal-4 ta' Ottubru 2012)*

F'paġna 2, l-Artikolu 1(2), fl-ewwel paragrafu tal-punt il-ġdid 149, il-kliem "li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb" jiżdied wara l-kliem "Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 tal-14 ta' Lulju 2011".

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT